Il-Koperrativa Kulturali Universitarja

tipprezenta

# *VERONICA FRANCO:*
## *KORTIGJANA U POETA*

ta' DACIA MARAINI

Maqluba ghall-Malti minn P. Buhagiar

## Karattri

| | |
|---|---|
| Veronica Franco | kortigjana u poeta, madwar 33 sena |
| Anzola | soru zaghzugha |
| Domenico Venier | senatur imdahhal fiz-zmien |
| Paolo Panizzi | ir-ragel ta' Veronica |
| Gaspara Greghetta | seftura fil-hamsinijiet taghha |
| Marco Venier | poeta, fit-tletinijiet tieghu |
| Enriku 3 | ir-Re ta' Franza |
| Ridolfo Vannitelli | ghalliem zaghzugh |
| Maffio Venier | poeta zaghzugh li jsir Isqof |
| Monsignore | membru tat-Tribunal ta' l-Inkwizizzjoni |

Mtella minn Aleateia

*Ix-xenarju hu Venezja tas-seklu sittax, f'wiehed miz-zminijiet ta' pesta*

# ALEATEIA

tipprezenta

# VERONICA FRANCO: KORTIGJANA U POETA

Ta' DACIA MARAINI

Maqluba ghall-Malti minn Pawlu Buhagiar

## Karattri

| | | |
|---|---|---|
| Veronica Franco | - loranne - | Kortigjana u poeta, madwar 33 sena |
| Anzola | - anna - | soru zaghzugha |
| Domenico Venier | - toni - | senatur imdahhal fiz-zmien |
| Paolo Panizzi | - chris - | ir-ragel ta' Veronica |
| Gaspara Greghetta | - nathalie - | seftura fit-hamsinijiet taghha |
| Marco Venier | - chris - | poeta, fit-tletinijiet tieghu |
| Enriku 3 | - toni - | ir-Re ta' Franza |
| Ridolfo Vannitelli | - dominic - | ghalliem zaghzugh |
| Maffio Venier | - chris - | poeta zaghzugh li jsir Isqof |
| Monsignore | - dominic - | membru tat-Tribunal ta' l-Inkwizizzjoni |
| Mara marida | - marianne - | wahda mill-morda fil-Lazzarett |

Direzzjoni ta' xmun

Ix-xenarju hu Venezja tas-seklu sittax, f'wiehed miz-zminijiet ta' pesta

MITP 16, 17, 18 ta' Marzu, 2001

- loranne vella -

## L-Ewwel Att

Sequence 1 - VERONICA

*F'lazzarett. Igsma mitfughin fl-art. Hemm twieqi kbar li minnhom jidhol dawl gentili li juri xenarju ta' telqa u abbandun.*

VERONICA: Nies imutu kull fejn thares; O Alla, moribondi kullimkien... X'il-Alla qed naghmel hawn? [*thares madwarha. Tintlewa fuq figura imghottija u kemmkemm tikxfilha rasha.*] U dan? Zaghzugh. B'xaghru twil u sabih! Jidher qisu rieqed... Imma x'inhuma dawn iz-zewg tebghat suwed fuq naghsu? [*Iggebbed idha lejn halqu.*] Mhux qed jitniffes... Mejjet! Sor!, Hawn mejjet hawn u hadd ma hadu 'l hemm! Zewg marki suwed, zewg marki ta' swaba' ... qisha ghafsitu l-pesta minn naghsu... bhal qabla li twelled. Iggebbed... fid-dinja tal-ferh. Qatgha sigar tat-tin, hodor, sbieh, sbieh, xmara cara u r-rih nebbiexi... Imma ghaliex, ghaliex biex tmur f'post daqstant sabih iridu jigbduk minn naghsek, igibhulek nifsek jinten fi griezmek?

[*Timxi 'l quddiem u lura*]

"Ghandek il-glandoli minfuhin, sinjura, ghandek zewg balal hawn li juru carament li int marida!"
"Jien, jien marida? Jaqaw xrobt Dott.?"
"Eh, le, le, sinjura, int tassew ma tiflahx."
"Jien f'sikti, ja mbecilli sakranazz!"
"Jekk se tkompli titqahhab mieghi nibghatek il-lazzarett."
"X'nista' naghmel iktar jekk jien qahba, ja bhima li int!"
"Jekk int, em, prostituta, ma tidhirx t'hekk."
"Grazzi, imma qattajt ghomri u zmieni nitghallem l-arti."
"L-arti, l-arti, ha ha ha..."
"Idhak, la Alla baghtek iblah u ras kbira. Int x'taf dwar l-arti? Jaqaw artist? Mela aqtaghha, trid!"

U hu, f'kemm trodd salib, ramieni qalb il-moribondi... O Alla, hemm fuq, ghinni! ... Int li tifhem il-feriti u l-ugigh... Imma min jaf x'taf fuq il-wegghat ta' qahba? Min jaf x'taf, min jaf... Sor, fejn hi l-mera? Fejn hi l-mera? Irrid naghti titwila f'mera, irrid narani f'mera!... Fejn il-qahba marret il-qahba mera? ... Dal-mishutin nezzghuni minn kulma kelli... Kelli mera fil-but, kelli l-flus... Fejn hbewhom?... Jehtieg nara wicci, jehtieg... Jekk nitlef wicci, Sor, nitlef kollox, kollox: dar, hwejjeg, ikel... kollox jinbena fuq dal-wicc ta' mara... Fejn il-madonna ghamluha l-mera? X'nista' naqla' b'wicc minfuh, mibrux, marid? [*Tmiss lilha nnifisha.*] Minfuh, inhossu minfuh... kraht... issa x'se naghmel, fejn naqbad naghti

rasi? Haqq ghoxx il-pesta! Ja pesta - dort ghal min irid gismu bhalma l-habbiez irid id-dqid... Xi trid minghandi, x'il-qahb'ommok trid? Ma tarax li jien m'ghandix x'nambik, li ma rridikx!

[*Taqa' fl-art. Tqum u terga' taqa'*]

Dal-hniezer anqas sodda ma tawni; hallewni mmut mal-qiegha... Sor!

[*Taqa' u tidher mejta.*]

---

*Sequence 2 – VERONICA, ANZOLA*

[*Tidhol ANZOLA, b'xemgha f'idejha u tmahmah wehidha. Tikxef il-mejtin. Taghlaq il-purtieri.*]

ANZOLA: [*tkanta*] Ghamluli zraben sbejha
Li jien qatt ma hallast.
Qaluli meta tlaqthom:
"Se thallasna, ja sbejha taghna?"

[*Tkompli tkanta.*] Dan mejjet. [*Trodd salib fuqu.*] Regja maternal ancis domni, regja skont in paci, Amen. Telaq, regja. Din hallietna... regja... le, haqq il-qtates... ghadha hajja. Trid boqqa ilma sinjura? Sinjura, qed tismaghni? M'ghandhiex tbajja' suwed... U x'zarbun sbejjah ghandha! Sinjura! X'zarbun sbejjah, Alla jbierek, qisu ta' Santa Barbara... [*Tmahmah wehidha.*] "Se thallas sbejha taghna?" Trid boqqa ilma? Le? Jekk ma tridx, jien se niehu belgha ghax ghandi ghatx! [*Tixrob*] Tghid imradt ukoll? Ikun li jrid Alla! [*Terga' tibda tkanta.*]

Ghamluli zraben sbejha
Li jien qatt ma hallast.

VERONICA: 'Tin belgha ilma, qahba!

ANZOLA: Mel'ghadek tferfer!

VERONICA: Belgha ilma!

ANZOLA: Imm' issa xrobtu... jien hsibtek li tlaqtna!

VERONICA: Mhux ghalissa.

ANZOLA: [*Tidhak*] Imm'int tidher mhux hazin. Qisek wiz li hareg iss'issa mill-ilma.

VERONICA: [*Thares lejha*] Hekk se timrad int ukoll.

ANZOLA: Jekk nimrad inkun imradt. Jekk ma nimradx, ma nimradx. Tkun maghmula r-rieda ta' Santa Barbara.

VERONICA: Mela Santa Barbara tfejjaq il-pesta?

ANZOLA: Le, imma hi qaddisti. Bil-lejl inkellimha u hi twegibni.

VERONICA: Mur gib naqr'ilma, Sor, ghax qed immut bil-ghatx.

ANZOLA: Sejra. Sakemm ma nsibekx mejta kif nigi lura.

VERONICA: X'igifieri mejta? Mhux qed tarani ghadni nferfer! [*Taqa' qisha wahda mejta.*]

ANZOLA: Hallietna, miskina. Lanqas belgha ilma ma hadet maghha. Jieqaf maghha Alla. Amen.

[*ANZOLA titbieghed waqt li tkanta. Dwal jghibu bil-mod minn fuq VERONICA.*]

---

*Sequence 3 – DOMENICO*

[*F'nofs il-palk hemm stampa mdawla. Jidhol izappap DOMENICO VENIER.*]

DOMENICO: Veronica, qalbi... ma nafx qattx thassibt fuq ix-xjuhija. Tidhollok f'ghadmek, tghawgek u thassrek bla ma tinduna. Titbattal il-qalb, titgharwen, tiehu lewn l-ghasel mahruq. Ix-xita ma tahjihiex – tkun trid bahar ta' xita – u kulma tilmah huma t-tracci patetici ta' ftit taqtir iswed li jtaqqbilha l-wicc bhat-toqob li jaghmlu n-nemel... Veronica, qalbi, fejn inhbejt? Minn kemm ili li rajtek il-bierah fit-triq, zaqqek minfuha u mqabbza' 'l barra, ma nafx kif, ma nafx ghaliex, ma nafx, imma qanqaltni... Nista' nkun jien il-missier, ghidli? Qed tismaghni? Imma int iggib ruhek qisek ma taf b'xejn. Naf li nista' nkun jien il-missier. Ma niddejjaqx kieku nsir naf li taqqaltek. Il-wild kieku jiehu l-grazzja, is-sbuhija, l-intelligenza minghandek. Minghandi jiehu intellett car u kurjuz, mohh fertili – l-unika haga li ghadha tahdem f'gismi.

---

Sequence 4 - PAOLO, DOMENICO

[Jidhol PAOLO]

PAOLO: U kieku jkun ibni?

DOMENICO: Hawn Pawl.

PAOLO: U kieku jkun tieghi?

DOMENICO: Kien ikollu par widnejn twal bhal ta' fenek.

PAOLO: Tikkonfondix Sur Venier, il-wild mhuwiex tieghi - imma lanqas tieghek.

DOMENICO: Kif tista' tkun cert? Kif taf?

PAOLO: Il-missier huwa ragel sinjur u generuz li tani rigal. Din il-kaxxetta tad-deheb miksija bir-rubini. Toghgbok?

DOMENICO: Dik lil min taha, lilek jew lil Veronica?

PAOLO: X'differenza taghmel la ahna mizzewgin?

DOMENICO: Cert li taha lilha.

PAOLO: Ragel u mara - haga wahda.

DOMENICO: Iva, hekk hu, pesta wahda. [Jidhak]

PAOLO: Ghandek xi tghid dwar il-mod kif nilqghuk hawnhekk, Sur Domenico?

DOMENICO: Anqas xejn, anqas xejn. Ikliet mill-aqwa, inbejjed mill-aqwa...

PAOLO: Minkejja t-tghawwig li ghandek, li zzappap, li jdejk qishom ghenuq tat-tigieg, l-ugighat ta' ras, in-nervi li kultant igeghluk ixxejjer u ddawwar idejk qishom paletti ta' midhna - minkejja kollox, dejjem tajniek merhba ta' re, u dan int tafu. U nahseb li l-kura ta' Veronica lejk qatt ma naqset.

DOMENICO: Aqtaghli kurzita'. Ghaliex izzewwigtha?

PAOLO: U, ghaliex wiehed jizzewweg? Ghall-imhabba?

DOMENICO: Mistaghgeb kif ma jidhirx fik xiber ghira.

PAOLO: Jekk tizzewweg mara bhal Veronica, trid tinsa li xi darba se tkun kollha kemm hi tieghek, bir-ruh u bil-gisem. Inkella l-kastig ikun li tidher ridikolu.

DOMENICO: X'gherf, Sur Pawl, imma, biex inkun ghedtlek kollox, nahseb li s-Sinjura Veronica, m'ghandhiex x'tambik.

PAOLO: Dak int qed tghidu.

DOMENICO: Ghaliex hekk nahseb.

PAOLO: U lil min ghandha bzonn marti?

DOMENICO: Xi hadd erudit, cert, pacenzjuz u sinjur.

PAOLO: Xi hadd bhalek infatti. Imma int tajjeb biss bhala mahbub. Bhala ragel riedet xi hadd bi ftit laham fuq gismu u sbejjah.

DOMENICO: Gieli harist fil-mera?

PAOLO: Tridx inferraghlek belgha sakemm qed tistenna.

DOMENICO: Bhal ommha, dejjem tard.

PAOLO: Kont tafha lis-sbejha Paola?

DOMENICO: Fid-dar ta' sehibna Tron. Kien jaghlef u stajt tiekol hemm x'hin trid. Dejjem kien ikun hemm tlieta jew erba' kortigjani li jahju hin l-ikel – ljuti, kant, rimi... Imbaghad kulhadd kien imur jorqod... [Ghajjien bl-istennija] ... Ghidilha li nerga' nghaddi ghada.

PAOLO: Skuzani wahda... kieku, qabel titlaq, thallas dan id-daqxejn ta' kont. [*PAOLO jaghti karta lil DOMENICO*]

DOMENICO: Dan int issejjahlu daqxejn ta' kont?

PAOLO: Hallas meta trid, darb'ohra.

DOMENICO: Inhallas meta tghidli s-Sinjura Veronico, ja skjav.

[*Johorgu DOMENICO, u warajh PAOLO. Dlam cappa.*]

---

*Sequence 5 - VERONICA, GASPARA*

[*Dawl. Tidhol VERONICA, li waslet biex tixtri, b'GASPARA warajha.*]

VERONICA: Isma', Gaspara, ha naghmel testment.

GASPARA: Iehor? Imma dan genn tieghek, Sinjura.

VERONICA: U jekk immut waqt li qed niled?

GASPARA: Kellek lil Achillino u lanqas biss indunajt. Din id-darba tmur tajjeb ukoll, issa tara.

VERONICA: Jaqaw kuginti ma mititx avolja t-tarbija kienet diga' twieldet? U ommi ma mititx wara li welldet tlettax-il darba? Iwritt il-professjoni taghha u ghalhekk nista' niret il-mewt taghha wkoll.

GASPARA: X'ha tikteb?.

VERONICA: [*tikteb*] "Jekk immut waqt li qed niled inhalli din id-dar u l-ghamara li fiha, il-gojjelli, il-hwejjeg u l-mitt dukat li huma mohbijin" - aghlaq widnejk, Gaspara.

GASPARA: taht l-ahhar gebla t'isfel tal-hajt tal-kcina.

VERONICA: Kif taf?

GASPARA: Fil-kaz ta' mewtek, ibnek ghandu d-dritt ikun jaf fejn huma flusu.

VERONICA: Kemm jien cuc! [*tmiss zaqqha*] Kemm nixtieqha tkun tifla... inhallilha ftit klijenti... professjoni lesta.

GASPARA: U jekk tkun trid tidhol soru?

VERONICA: Is-sorijiet ma tantx huma f'sensihom, bit-talb, bl-astinenza, l-ubbidjenza u s-silenzju. Ghandhom mohh ta' tigiega - u anqas tghid li jbidu!

GASPARA: It-testment lest?

VERONICA: Le, stenna ftit... Insejt il-platti tal-fidda u l-gizirana tal-perli.

GASPARA: U l-imqass tad-deheb.

VERONICA: Dazgur, l-imqass tad-deheb bil-kaxxa tal-fidda.

GASPARA: Bicca antikita' l-gmiel taghha.

VERONICA: Ic-curkett tar-rubini, rigal tas-Senatur Domenico Venier.

GASPARA: Imma dak bighejnieh meta konna daharna mal-hajt.

VERONICA: Dazgur, dazgur, mela ma niktbux... U l-granati?

GASPARA: Anki dawk bighejna biex naqtghu dejn zewgek.

VERONICA: L-ghaliex mhux importanti. L-importanti li m'ghadhomx ghandi.

GASPARA: Int certa li l-borza bid-dukati ghadha f'postha?

VERONICA: Issa ma niftakarx, Gaspara.

GASPARA: Gieli semmejtha ma' zewgek?

VERONICA: Ghax qed tistaqsini? Jekk immut ma tiswieli xejn u jekk nibqa' nferfer nista' naqla' izjed.

GASPARA: Int il-veru ma jimpurtakx mill-flus. Ghad issir xiha u ma jkollokx sold taht rasek.

VERONICA: Domenico Venier jahseb li taqqalni hu. Kieku nghidlu li dak li qed jahseb hu minnu jimlieni bid-deheb!

GASPARA: Allura ghax m'ghedtlux dak li jrid jisma'?

VERONICA: Il-verita', Gaspara. Is-sewwa jizen aktar mid-deheb.

GASPARA: Kortigjana li tghid is-sewwa ma tinstabx la fl-art u l-anqas fis-sema.

VERONICA: Ghandi mohh ma jzommx biz-zejjed biex inkun giddieba tajba. Kieku nithawwad u malajr ninqabad. M'iniex il-qahba li missni nkun.

GASPARA: Tarmix daqshekk lilek innifsek, ja sidti. Qahba m'intix – int kortigjana, u kortigjana qahba m'hijiex.

VERONICA: Gaspara, ghaliex dal-loghob kollu bil-kliem? Anki ommi kienet tghid: "Binti, ahna qhab u b'daqshekk m'hemm xejn hazin. Jambuna biex izommu lill-ohrajn fi djarhom."

GASPARA: Eh, ommok, kienet mara jilhqilha. M'intix makakka daqsha, imma rnexxejt aktar ghax tghallimt tikteb il-poezija li s-Sinjura Paola qatt ma setghet taqbad avolja kienet mara raffinata.

VERONICA: Poeta, kantanta, attrici. Min ghallimni jekk mhux hi. Is-Sinjura Pawla Franco, kortigjana Venezjana – b'ghaxar skudi s-siegha. Tiftakarha l-lista pubblika tal-prezzijiet?

GASPARA: Ha! Kienu nizzluk b'zewg skudi biss. U l-lum int l-aktar kortigjana rispettata ta' Venezja.

VERONICA: Snin ilu, meta bdejt, iva, zewg skudi, zewg skudi biss kont niehu.

---

*Sequence 6 - PAOLO*

[*Id-dar ta' VERONICA. PAOLO qieghed fuq naha minnhom wahdu.*]

PAOLO: In-nannu jghid li fi zmienu hadd ma kien jiddejjen aktar minn ghoxrin skud u l-lum in-neputi jahraqlek mitejn f'lejla wahda – u ghad jikber u jibda jtajjarhom aktar milli qed jaghmel bhalissa.

---

*Sequence 7 – PAOLO, VERONICA*

[*VERONICA qed tikteb fuq sodditha. PAOLO jizzerzaq hdejha.*]

PAOLO: B'sahhtu, sabih, semmejna t-tifel ghalih. Issa ghandna nkomplu dak li bdejna, nibqghu nattakkaw.

VERONICA: Mela ahna qeghdin f'xi gwerra, x'kull wahda!

PAOLO: Lil dak l-ghoxx jidhirli li ghandna nfottuh!

VERONICA: Ma nihux gost li titkellem hekk fuq il-klijenti tieghi.

PAOLO: Imma jien hekk nahsibha fuqu.

VERONICA: U lili joghgobni, gustuz.

PAOLO: Ahjar thalli l-bicca f'idejja.

VERONICA: Le, ghax int idejk hfief.

PAOLO: U int qisek gbejna. Dan negozju u mhux istituzzjoni tal-karita'.

VERONICA: Jigu biex jitkellmu, jixorbu, jilghabu l-karti. Dan mhux bhal ftehim ta' malajr fit-triq.

PAOLO: Dan negozju, Veronica, negozju! Int tbiegh u huma jixtru.

VERONICA: Inbiegh, iva. Inbiegh il-kordjalita', l-ghaxijiet sbieh, il-muzika u l-qalb kbira.

PAOLO: Nejk!

VERONICA: Ma thobbx hlief il-flus, int. Jien inhobb il-flus ghal dak li jrodduli u hemm qieghda d-differenza kollha.

PAOLO: Ibqa' fuq kliemi li int ghandek hafna hmerijiet f'rasek. Ibqa' fuq kliemi.

---

*Sequence 8 – VERONICA, ANZOLA*

[*L-isptar. VERONICA qieghda lagenba. Tidhol ANZOLA.*]

ANZOLA: [*Tkanta*] Qed jinsgu l-harir kienu n-nisa ta' Parir

[*Tghodd il-mejtin.*] Dan miet. Din hallietna, Santa Barbara kemm hi qrib taghna. Rajt fiex spiccat beltna? Intiena u shana. Sa l-ilma gol-kanali ittiehed bil-mard taghna. Isahhnek jekk tmissu ma' jdejk, qisu l-ilma ghandu d-deni... U d-dghajjes bil-mejtin gejjin u sejrin. Fejn se npoggihom, Santa Barbara - se narmihom ma' l-art 'l barra bhall-bhejjem... Dat-tifel ukoll halliena.

VERONICA: Sor!

ANZOLA: U dik? Madonna, ghadha hajja! Ilma - weghidta l-ilma! Kif int? Qed tismaghni? Kif thossok? Ghadek bil-ghatx?

VERONICA: Kollu xrobtu, nirra Alla jishtek!

ANZOLA: Ha mmur issa ngiblek ftit.

VERONICA: Nirra Alla jishtek!

---

Sequence 9 - VERONICA

[*Tohrog ANZOLA. VERONICA wehidha.*]

VERONICA: X'holm irkrah! Veru li meta tilmah il-warrani quddiem ghajnejk tkun se tmut? Pawlu, Pawlu – afdani, kien jghidli. X'dizastru! Tefghuni fit-triq minhabba d-dejn... Kieku ma kellux dawk ix-xofftejn rotob...

---

Sequence 10 – VERONICA, ANZOLA

[*Tigi lura ANZOLA bl-ilma.*]

ANZOLA: Hawn hu l-ilma. Trid nghinek biex tixrob?

VERONICA: [*tixrob*] Possibbli li tiehu gost tbus ragel li int ma tirrispettax u li hu ma jirrispettakx?

ANZOLA: Halli mmur ingiblek kurcifiss biex tbus lilu.

VERONICA: Le, ggib xejn. 'Tini naqra ilma.

[*Jitbaxxew id-dwal.*]

---

Sequence 11 - PAOLO

[*Jizdiedu fuq PAOLO, wahdu, jippakkja.*]

PAOLO: M'ghandikx tizzewweg kortigjana, min jittarraf jiggarraf, ja idjota li int! M'ghandikx tizzewweg kortigjana, ghax issib ruhek fiz-zejt jaghli u tispicca sormok barra f'kemm trodd salib! Tajtha kollox – zghoziti, sahhti, l-eleganza tieghi. Servizz gewwa u barra d-dar. Konsolazzjoni, kumpanija, tajtha kollox u hi x'tatni? Xejn – iva, xi zewg dixxijiet fagon, xi pudina ta' l-ghasel, xi bicctejn hwejjeg, xi gakketta indurata fil-keffa, xi zraben tas-swejd, curkett. X'inhuma dawn hdejn il-liberta' li tlift minhabba fiha? U n-nisa li ma hxejtx waqt li hxejt sahhti niehu hsieb ulied l-irgiel l-ohra li taqqluha? Kont naghmel fila daqs illum u ghada kieku kelli nghodd l-irgiel li rawha. Issa xbajt, xbajt. Mhux hi ghejjiet, le mhux hi, imma jien, Pawlu Panizzi li issa qed jghid "Bizzejjed" u "Sahha"! Mhux se nibqa' aktar hawn. Anqas tifel imgiddem ma tatni ja mara mgiddma! U se niehu mieghi l-pozati tal-fidda u l-gojjelli u l-hwejjeg irrakmati u l-gwarnici ndurati. U ma tarahomx izjed b'ghajnejk, Veronica, sabiha tieghi!

[*PAOLO jitlaq. Dlam.*]

---

*Sequence 12 – VERONICA, ANZOLA*

[*Dwal fuq l-isptar.*]

VERONICA: Kollox ha, kollox. Pawlu! Ja hanzir imlewwet!

ANZOLA: Ikkalma, Sinjura, ikkalma... M'hawn l-ebda Pawlu hawn... Hu belgha ilma.

[*VERONICA tahtaf il-buqar u tixrob qisha mejta bil-ghatx.*]

---

*Sequence 13 – MARCO, GASPARA*

[*Jidher MARCO VENIER fuq il-palk. Tidhol GASPARA.*]

MARCO: Tista' tghid lis-Sinjura tieghek li jien wasalt?

GASPARA: Arani sejra. [*Tkompli ssajjar.*]

MARCO: X'qed taghmel? Rieqda?

GASPARA: M'hijiex rieqda. Qed tahseb.

MARCO: Fuqi qieghda tahseb?

GASPARA: Ma nahsibx.

MARCO: Tista' jekk joghgbok tghajtilha?

GASPARA: Sejra.

MARCO: Tghid li sejra u tibqa' mwahhla hawn.

GASPARA: Qed tbiddel.

MARCO: Jekk tghidilha li qieghed hawn ma ddumx tbiddel.

GASPARA: Ma nahsibx li se tghaggel.

MARCO: Ghaliex?

GASPARA: Ghaliex, milli wahda tista' tara...

MARCO: Int taf min jien?

GASPARA: Marco Venier – is-sabih. Int Venier, bhal Domenico. Imma int fik qabda waqt lis-senatur ikrah.

MARCO: X'il-marelli qed tghid? ... Jekk m'intix sejra int issejhilha se jkolli mmur jien.

GASPARA: [*hierga*] Sejra, sejra.

---

*Sequence 14 – VERONICA, MARCO*

MARCO: Kull darba li twelled issir isbah.

VERONICA: Xi pjacir qed niehu narak... ghid, ghax ma gejtx qabel?

MARCO: Kont ilni hafna nistennik isfel...

VERONICA: U ma tlajtx?

MARCO: Dejjem kellek hafna nies jigru warajk.

VERONICA: Imm'issa qieghda wahdi, kollni tieghek. Si tibqa' mieghi ghall-ikel?

MARCO: Le, grazzi. Imma llum diga' ppranzajt.

VERONICA: Imm'ibqa' xorta wahda.

MARCO: Din id-darba ma gejtx ghalija nnifsi.

VERONICA: Mela ghal min?

MARCO: Ghal xi hadd li int tistma hafna.

VERONICA: Dan minn meta 'l hawn sirt ambaxxatur?

MARCO: Smajt bil-kbir Enriku t-tielet ta' Valois? Iddecieda li jzurek, Veronica Franco, l-eghref, l-isbah, l-ahjar kortigjana ta' Venezja u li jqatta' l-lejl mieghek, jitkellem, jisimghek tkanta u tikteb il-poeziji u, min jaf, forsi wkoll ibuslek saqajk.

VERONICA: U min sefsiflu f'widintu li ghandu jzurni? Nahseb li int, mhux hekk? U forsi kellimtu fuqi u qajjimtlu l-kurzita' ghalija.

MARCO: Iva, veru kellimtu fuqek... Taf x'unur kbir ghalik li se jzurek? Missek tibda tipprepara d-dar minn issa. Tbiddilha f'palazz tal-meravilji.

VERONICA: U int qed tiehu gost b'dan kollu? Jewwilla m'intix tghir?

MARCO: Kieku kont nghir ghalik ilni li rbadt gebla ma' ghonqi u ntfajt il-bahar.

VERONICA: Imma int ma tghidx li thobbni?

MARCO: Inhobbok.

VERONICA: Allura tghaddini bi tbissima fuq xufftejk f'idejn haddiehor?

MARCO: Xi hadd iehor? Dan hu r-Re ta' Franza!

VERONICA: Lanqas nitfa emozzjoni ghalija?

MARCO: L-ghira ma toghgobnix, hi emozzjoni stupida.

VERONICA: Hi sinjal ta' l-imhabba.

MARCO: Anqas ma wiehed ihobb aktar ikun ghajjur.

VERONICA: X'gherf! Minn fejn iddubbajtha din it-teorija?

MARCO: Billi rajt il-missieri jsir geluz ghal ommi... meta waqaf ihobbha... Inhobbok bhalma nhobb lil Venezja - irrid li l-ohrajn igawduha wkoll.

VERONICA: Hasra, tassew hasra. Jien inhobbok bhala persuna u mhux bhala belt.

MARCO: Int ma tistax tkun geluza ghalija ghax jien kollni tieghek u nahseb biss fik.

VERONICA: Allura x'irrid naghmel ghal dan ir-re?

MARCO: Ghal din l-okkazjoni rridek tkun sabiha aktar mis-soltu.

VERONICA: U x'ghandi naghmel biex noghgob lir-Re?

MARCO: Kun int innifsek, b'bezghatek, il-veritajiet tieghek, ir-rimi tieghek, l-ghanjiet tieghek -

VERONICA: X'gojjelli ghandi nilbes?

MARCO: Le, gojjelli le. Xeba' jara minnhom il-qorti. Ftit fwieha minn dik tal-fjuri blu skuri li tixraqlek wisq.

VERONICA: Qisek omm qed thejji lil bintha ghall-ewwel lejl ta' mhabba.

MARCO: Forsi fija hemm mohbi xi istint matern. Venezja hi bhal binti u rridha tidher sabiha fi xbubitha. Irridek tidher meraviljuza. Irrid li Enriku jiftakar il-laqgha tieghu mieghek ghal ghomru kollu.

VERONICA: Jaqaw se tpartatni? Se tpartatni ma' ... ma' xiex?

MARCO: Jien m'ghandi bzonn xejn minghandu. Irrid biss li l-isbah kortigjana ta' Venezja u l-akbar re tad-dinja jiltaqghu ghal lejl wiehed.

VERONICA: Ma tibzax li forsi nsir inhobbu?

MARCO: Tkun bahnana jekk issir thobb re li l-ghada jkun se jerga' jitlaq lejn Franza - qatt ma tkun tista' tarah iktar f'hajtek.

VERONICA: Fi ftit kliem, int tahseb ghal kollox.

MARCO: Issa tara kemm izommuk fuq wicc l-idejn in-nies tal-belt. Sahha Veronica u r-risq!

VERONICA: Sahha

[*MARCO jahrab.*]

---

*Sequence 15 - VERONICA*

VERONICA: U kieku kelli jien inkun ghajjura? Hawn jien. Nilbes, ninza', nixref mit-tieqa, norqod. Niekol... u int tigi, titlaq, issiefer. Il-liberta' tieghek taghmilni kurjuza. Tittormentani.

---

*Sequence 16 - VERONICA, GASPARA*

[*Tidhol GASPARA.*]

VERONICA: Gaspara, irridu ngibu d-dar kollha tleqq, Gaspara, nahslu il-kuxxinetti antiki, innaddfu t-twapet, inbiddlu l-lozor, nohorgu d-dixxijiet tal-fidda, nixtru tazzi godda tal-kristall –

GASPARA: Qisu gej ir-Re, hej!

VERONICA: Hekk hu, Gaspara, gej ir-Re ta' Franza!

GASPARA: Izur qahba - ir-Re ta' Franza gej jzur qahba?

VERONICA: Korigjana hi haga u qahba hi ohra, mhux hekk ghedt int?

GASPARA: Tpoggilix kliemek f'halqi.

VERONICA: Jien nghid hekk b'wicci minn quddiem.

GASPARA: Jigi, jorqod mieghek u jitlaq. X'issejhilha azzjoni bhal din int? Nisperaw li ta' l-inqas ihallas seww.

VERONICA: Ma jhallas xejn. M'intix tifhem li dan hu unur ghalina? Mhux gej biex jaghmel mieghi. Ghal dak seta' jsib ohrajn. Gej biex iduq l-ispirtu tieghi.

GASPARA: Ghax spirtu? Ghaliex mhux inbid?

VERONICA: Dan hu re... irid it-tnehid.

GASPARA: U nahseb li jkun irid xi haga ohra wkoll.

VERONICA: Forsi... imma mhawra bit-tnehid. X'int tifhem? Ejja, mur fil-kcina u ibda lesti.

GASPARA: Tnehid, tnehid...

[*VERONICA titlaq.*]

---

*Sequence 17 - GASPARA*

[*GASPARA qieghda wehidha.*]

GASPARA: L-ispizjar ma jridx idejjinna aktar u tas-salotti diga' gie tliet darbiet. Ipoggilek fuq l-ghatba u ma jkunx irid iwarrab. "Trid kafe', Sinjur?" nghidlu. "Le, grazzi, irrid biss flusi." Xi tridni naghmel? L-anqas il-pudina tar-ross biz-zbib u l-kannella ma ried... Id-dar, id-dar... Achillino jird lozor godda, ix-xugamani jridu jinbidlu. U l-platti - irridu nixtru platti godda. Jekk m'ahniex se ndawru dukat se neghrqu... Ja dar, ja dar... Is-Sur Pawl telaq u ha l-fidda mieghu... Vannitelli jiekol u jmaxtar , imaxtar u jiekol. Anqas jilhaq iqum li ma ssibux gol-kcina. "X'hemm fil-borma, Gasparin?". Jahfinlek bicca hobz u jibda jbellel u jbellel sakemm ma jhallix bezqa zalza... Is-Sur Marco ilu gimghat ma jhallas. Is-

Sur Domenico Venier hallasna. Issa gej dal-ostja Re. U tant tinsab kuntenta li mhux se tistaqsih anqas biex ibellilna jdejna. Qatt ma ltqajt ma' bluha bhal din, nahlef li qatt.

[*Titlaq*]

---

*Sequence 18 - ENRIKU*

[*Jidhol ir-RE ENRIKU. Jitkellem b'accent Franciz, u jitfa' xi kelma 'l hawn u 'l hemm bil-Franciz. Ihares madwaru. M'hemm hadd jistennieh. Inehhi l-ingwanti bil-galbu.*]

ENRIKU: Ou est la proprietaire de la maison? La maison Venitienne de la plus Venitienne de tous.

---

*Sequence 19 – VERONICA, ENRIKU*

[*Tidhol VERONICA liebsa parrokka hamra enormi u libsa formali. Tinkina.*]

ENRIKU: Ou vous cachez-vous, Madame?

VERONICA: Je voulais vous voir sans que vous me voyez. Ma qalulix li ghadek zghir u attraenti. Is-sinjurija tieghek hu ragel sbejjah!

ENRIKU: Suppost il-kumplimenti dwar is-sbuhija qed naghmilhom jien. Imma int anqas cans ma tajtni.

VERONICA: Hu ovvju li jien ghandi nkun sabiha. Imma sbuhitek haditni b'sorpriza.

ENRIKU: Allura r-rejiet ghandhom ikunu koroh?

VERONIKA: Taqbel mieghi li l-Arciduka ta' l-Awstrija u Karlu Hamsa ma tantx jistghu jissejhu sbieh u l-anqas pjacevoli. M'hemmx ghaliex tkun sabih biex tkun re u ghahekk sbuhitek hasditni.

ENRIKU: Qalli bik Marco Venier. Akbar minn sbuhitek huma l-intelligenza u l-faxxinu tieghek... Qed nara li kellu ragun.

VERONICA: Kelli erbat itfal u kollha jien reddajthom.

ENRIKU: Ghandha wahda titkellem mar-rejiet fuq hwejjeg bhal dawn?

VERONICA: Tridni noqghod indur mal-lewza?

ENRIKU: Toghgobni kif int... Anqas ghadek ghedtli biex inpoggi bilqieghda.

VERONICA: Ghax dejjem nimmagina lir-rejiet bil-wieqfa, bhal fl-istampi... Poggi jekk trid. Jaqaw int dejjem trid lil xi hadd jghidlek x'ghandek taghmel?

ENRIKU: Qisek ziti f'Parigi li malli kienet tilmahni kienet tibdieli bil-kantaliena ta' kemm jien maledukat.

VERONICA: Kienet sabiha - zitek?

ENRIKU: Immensament sabiha - zewg mustacci rqaq irqaq li l-barbier kien jiggieled maghhom kull filghodu. Idejha lasti ta' xkupi - ideali biex issawwat bihom. Ghajn miftuha u ohra mitbuqa - qisha int, tassew qisha int.

VERONICA: [*Tidhak*] Kienet tuza xi qasba jew frosta?

ENRIKU: Int kieku tiddixxiplinani hafna?

VERONICA: Il-hin kollu.

ENRIKU: Tahseb li nixtieqek?

VERONICA: Mill-mod kif qed thares lejja, iva.

ENRIKU: Veru, veru nixtieqek. Joghgobni lehnek, ahjar nibda minn hemm.

VERONICA: U kieku x'taghmel b'lehni?

ENRIKU: Insikktu b'bewsa twila twila.

VERONICA: M'intix wisq originali. Xewqa komuni.

ENRIKU: Imma hi xewqa ta' re.

VERONICA: Ladarba titgharwer u tnehhi dawk il-hwejjeg kollha rakkmu u gojjelli, kif se nibqa' naghraf bhala re?

ENRIKU: Trid nurik kif?

VERONICA: Le, le, grazzi... Jekk se tibda ggib ruhek bhal Cikku l-Poplu nitlef il-pjacir li qed nisseduci l-Maesta' Tieghu...

ENRIKU: L-ebda kortigjana m'ghandha l-wicc tichad re. Nista' naghlqek f'habs.

VERONICA: Veru? U nahseb li tista' taqtaghli rasi, mhux hekk?

ENRIKU: Nieqaf biss milli niddekapitak jekk tigi malajr tghannaqni wahda kbira.

VERONICA: U kemm int mghaggel? Qieghed f'dar ta' kortigjana famuza. Jekk int daqshekk mghaggel mur sib burdell. F'Venezja hawn kemm trid minnhom. Tista' taghzel liema tfajla trid!

ENRIKU: Int insolenti – u nikkastigaha l-insolenza tieghek... Imma, Veronica, tqajjimli ... l-kurzita'... Iggaghlni bhallikieku rrid naghtik daqqa ta' harta...

VERONICA: Meta trid ipprova,ta, halli wara naghtik xebgha kif tmiss il-ligi.

ENRIKU: Insolenti u ribelluza... nista' nmiss sidrek?

VERONICA: Bhalissa sidri kemmxejn mugugh. Ahjar li le.

ENRIKU: Nista' nipprova halibek, Sinjura Veronica? Nigdimlek sidrek, hekk, ghal ftit, ghal ftit, imma nahlef li l-ebda weggha ma thoss.

VERONICA: Le, Maesta', il-halib ghal ibni.

ENRIKU: Diga qed inhobbok b'ruhi u gismi. Trid tigi Parigi mieghi?

VERONICA: U x'naghmel?

ENRIKU: U! Tkun il-konkubina tar-re... ma jghgbokx xoghol bhal dan?

VERONICA: Nippreferi nibqa' Venezja u nkun kortigjana, ghalkemm ghaddew patafluni ligijiet kontrina. Kif nohorgu rridu fuq sidirna nilbsulek coff isfar, nghixulek ir-Rijalto u fil-madwar, u fil-hdud ma nistghux immorrulek il-knisja... Imma, kif taf, hadd ma jzomm mal-ligi. F'Venezja kortegjana hi bhal regina.

ENRIKU: Nista' nbus id ir-regina ta' Venezja?

VERONICA: Tridx tbus sieq? Marco Venier qalli li int, bhala re kbir, tkun lest tbusli saqajha bhala sinjal ta' rispett.

ENRIKU: Ghaliex le? Inbuslek sieqek bhala sinjal ta' umilta'. Re ghandu jitbaxxa quddiem is-sbuhija u l-makakkerija ta' mara. [*Ir-RE jmur ibus saqajn VERONICA u wara jipprova jghannaqha.*]

VERONICA: X'ghaggla ghandek Maesta'! Donnok ma tafx li fl-istennija hemm il-pjacir ukoll. Ix-xemx ghadha bil-kemm nizlet

ENRIKU: Eh, int taf tghix tajjeb! Naghrafha, toghgobni l-loghba tieghek, Sinjura... Ghadni zghir bizzejjed biex ma nitlifx xewqati waqt li qed nistenna u kbir bizzejjed biex ma nitlifx il-pacenzja.

VERONICA: Tista' tirrecta wahda mill-poeziji tieghek, Maesta'?

ENRIKU: Min qallek li nikteb il-poezija?

VERONICA: Kull ragel kbir ihazzez il-versi u ghalhekk nimmagina li r-re hu wkoll hazziez.

ENRIKU: Issa qed tonfhni zzejjed. Ma nahsibx li jien xi poeta kbir.

VERONICA: Int halli lili niggudika.

ENRIKU: Jekk trid... [*Jibda jirrecta.*]

Inhobbok bhal hajti
Ja mara krudila.
U inti fejn qieghda?
Smajtha tieghi il-weghda?

VERONICA: Imma dawn il-versi jien ktibthom!

ENRIKU: [Jidhak] Ghandi memora tajba? [Jirrecta]

Kif inhi din il-bicca
Li f'sider artab u abjad
helu, sabih u sod
tghix qalb iebsa u harxa
li lili zzomm 'il boghod?

VERONICA: Jekk taf tiftakar ir-rimi ta' kortigjana, int diplomatiku makakk u gvernatur ghaqli... Issa rbahtni.

ENRIKU: Kun kiefra mieghi... Int mal-ewwel fhimt gostija... Ma nhobbx qlub rotob imma lil dawk ta' rashom iebsa.

Sequence 20 - GASPARA

*[Jizdiedu d-dwal fuq GASPARA. Tbandal tarbija waqt li tiftah il-purtieri.]*

GASPARA: Orqod, orqod, qalbi... ommok ghandha ghonqha jugaghha... ommok hija l-isbah... "Bongu Sinjura Veronica! Bongu Sur Re!" "X'gurnata sabiha," tghid hi. "X'gurnata sabiha," jghid ir-Re. U kienu hawn f'din id-dar li tnaddfet minn min? Minn Gaspara Greghetta li nigi jien... U int ghad tghid: "Ommi, darba wahda, laqghet re, ir-Re ta' Franza, Enriku Tlieta." U jekk xi hadd jistaqsik: "Kif? Meta?", wiegeb, "Kont fil-kcina ma' Gaspara Greghetta meta r-re raqad m'ommi." Dan hu unur kbir, ibni, unur kbir hafna. li kieku kont tifla, int ukoll stajt tkun onorata. Imma s-Sinjura Veronica mhux bhal Paola li ma kellhiex hlief bniet. L-ewwel Achillino imbaghad Ulisse u issa Enea. "U mhux biss re gie f'dari, imma anke l-glorjuz De Montaigre innifsu,li d-dinja kollha tonora, u gab platt tal-fidda lil ommi, biex ma nsemmux lis-Sur Tintoretto li kull hadd filghaxija kien jigi ghandna jiekol u li ghamel zewg ritratti taghha l-gmiel taghhom"... U ghandek tghid ukoll li ommok riedet tirregala wiehed minn dawn ir-ritratti lir-Re ta' Franza biex jibqa' jiftakarha. Kemm ghogbu dak ir-ritratt lil Enriku taghna! Kemm dam jiccassa lejh u jharislu.

---

Sequence 21 – VERONICA, MAFFIO, [VANNITELLI]

*[VERONICA tpoggi quddiem mera. Qed thammem waqt li tirranga xagharha. VANNITELLI qed ihares bil-mohbi.]*

VERONICA: Fadal xi Venier iehor? Kif jirnexxielkom tghaddu l-ahbar lil xulxin fil-familja?

MAFFIO: Ara x'int tghid, Sinjura! Jien m'iniex ta' l-istess razza ta' Marco u Domenico. Jien Venier is-solitarju. Kemm ghandek xaghrek sabih!

VERONICA: Kerha, mahmuga l-poezija tieghek.

MAFFIO: Imma taghrafha...bhalma jien naghraf tieghek li hi formali u antikwata.

VERONICA: Jaqaw inti gej biex toqghod tinsulentani?

MAFFIO: Gejt biex narak mill-qrib! Hsibt li kulma ghandek hu falz.

VERONICA: X'gejt taghmel hawn?

MAFFIO: Joghgbuni djar bhal tieghek fejn tiltaqa' ma kulhadd, mid-Doge sa xi qassis qsajjar kolt, mill-Mufti sad-Duka tat-Toskana, mill-poeta tal-qorti sal-pittur bl-ahhar moda tieghu. Nifrahlek ghas-success li ghamilt, sinjura. Qaluli li ghandek ilsien bhal sejf li jaqta' minn zewg nahat u kulma jaqta' joghgobni.

VERONICA: Ghadni kemm tlift l-imqass iz-zghir tad-deheb li tghidx kemm kien ghal qalbi.

MAFFIO: Jaqaw ser tibda thit xi haga?

VERONICA: U lil Marco li jigi hawn tafu?

MAFFIO: Nafu w ma nafux. Kellimni fuqek, fuq darek komda, fuq l-inbid, fuq ir-rimi...imma ma jafx li fettili nigi inzurek. Anqas jien ma kont naf, sa hames minuti ilu meta kont ghaddej minn fejn Santa Maria Formosa u ddecidejt nghaddi.

VERONICA: Sewwa ghamilt li gejt. Biebi dejjem miftuh ghal ta' Venier.

MAFFIO: Halli naghmluha cara din. Jien m'iniex Venier. Jien Maffio. Lit-tnejn l-ohra ma nixbahhom xejn.

VERONICA: Qed nifhmek.

MAFFIO: Issa li sirna nafu lil xulxin nista' immur. U ftakar li quddiemek ghandek l-akbar Venezjan tas-seklu [*Ihares lejha*]. Bhala mara ma tidhirli xejn ta' barra minn hawn.

---

*sequence 23 – GASPARA,*

*VANITELLI*

[*Dwal fuq GASPARA li qieghda ssajjar. Jidhol VANNITELLI*]

GASPARA: Aqtaghha! Hemm it-tifel rieqed.

VANITELLI: Taf li mxebbgha sal-ponta ta' mniehri.

GASPARA: Ghedlek aqtaghha!

VANITELLI : Xbajt fuq li xbajt minn did-dar – tqallajt mis-sinjura Veronica – imxebbgha b'Achillino – xbajt u tqallajt nipprova nghallem f'din l-apatija u f'dan l-infern kollu.

GASPARA: Qajjimtu!

VANITELLI: Is-sinjura tieghek tixtieq tghallaq lil min hadilha l-imqass tad-deheb.

GASPARA: Jekk m'iniex sejra zball, l-ahhar li rajtu kien f'idejk, mhux zgur mhux il-bierah. Kont qed iddawru f'idejk u tiggustah u tistaqsi kemm jiswa.

VANITELLI :Uzajtu biex naqta hajta u mbghad poggejtu minn fejn hadtu.

GASPARA: Allura suppost li ghadu hemm.

VANITELLI: Imma mhuwiex.

GASPARA : Mela ahjar tmur tfittxu.

VANITELLI :Fittixtu 'ma sibtux. Int ma rajtux hux?

GASPARA : Jien qatt ma missejtu b'idejja. Naf kemm tiehu hsiebu s-Sinjura tieghi.

VANITELLI :Jista' jkun li kien tad-deheb imma kien imkaghbar mhux hazin – anqas ghaxar dukati ma kien jiswa.

GASPARA :U int fejn taf kemm jiswa u ma jiswiex?

VANITELLI: Ghax staqsejt lil habibi li hu argentier.

GASPARA : Ghax...ghax...ghax hekk, staqsejtu.

GASPARA : Bil-kaxxa tal-fidda b'kollox nahseb kien igib xi tliet dukati ohra.

VANITELLI :'Ma kellha zewg girfiet f'naha minnhom u-

GASPARA : Staqsejt lil siehbek l-argentier ukoll fuq dawk?

VANITELLI :Dazgur. L-imqass u l-kaxxa huma bhal oggett wiehed li, madankollu, ma jgibx hafna flus.

GASPARA : Heqq, meta tbigh xi haga li mhix fil-moda ma tantx jaghtuk taghha. Kemm tak taghhom habibek?

VANITELLI :Qed nghidlek li l-ostja imqass qatt ma rajtu! Qatt ma rajtu fhimt!

*Sequence 24 - VERONICA, GASPARA, VANNITELLI*

*[tidhol Veronica]*

VERONICA: Ara, mela int hawn? Fejn hu Achillino?

VANITELLI: Ibnek imxajtan. Ma nafx x'nibda naghmel bih. Minflok jismaghni, qbadtu johloq zbub kbar kbar mil-karti.

VERONICA: U min ghallmu johloqhom?

VANITELLI: Heqq mhux jien! Imma fil-karnival, bhala cajta. Imma hu baqa' jaghmilhom is-sena kollha.

VERONICA: Allura jien infaqqaghlek tletin dukat fix-xahar biex tghallem l-ibni johloq iz-zbub?

VANITELLI: Ibnek vili. Ma jridx jaf b'Latin u Taljan.

VERONICA: U jien x'qed inhallsek biex taghmel?

VANITELLI: Kieku ma kontx dejjem mghaggla...kieku tismaghni ghal mument wiehed...kieku jahasra tiddiskuti l-affarijiet mieghi...

VERONICA: Ghidli. Ghidli ladarba jiena hawn.

VANITELLI: Ibnek jahasra jinsab imhawwad ghaliex sema' minn x'imkien li ommu qahba...forsi ma jafx xi tfisser il-kelma imma fehem sew li hi kelma hazina u li tintuza fit-tghajjir.

VERONICA: U int x'ghedtlu?

VANITELLI: Li int l-isbah fost l-isbah O sinjura tieghi...imma r-raguni vera ghaliex jien w Achillino naghmlu z-zbub tal-karti hi li bil-lejl ma nistax norqod aktar.

VERONICA: Ma nistax nifhem ir-rabta bejn iz-zewg oggetti .

VANITELLI: Ma nistax norqod aktar ghaliex jekk norqod nohlom bik gharwiena. U ladarba mhuwiex xieraq li nohlom bik gharwiena, allura nippreferi ma norqodx.

VERONICA: Tidhirli eccentriku ghall-ahhar, Sur Vanitelli. Int ghandek tghallem 'l ibni li jien kortigjana onorata, li l-professjoni tieghi tiswa daqs kwalunkwe professjoni ohra, li ghandi funzjoni f'din il-belt bhalma ghandhom it-tabib u l-ispizjar. Jien infejjaq il-hsus u s-sensi. Nahseb li dejjem tajt lil kulhadd dak li haqqu. Int, mill-banda l-ohra, int x'taghmel? Zbub tal-karti. Nahseb, Sur Vannitelli li se jkolli inkeccik.

VANITELLI: Sinjura, int diga' chadtni hafna drabi. Dan jien nikkunsidrah. Ladarba int prostituta, ghax m'ghandekx tissodisfa xewqati? Tahseb jaqaw li m'iniex se nhallsek?

VERONICA: Int, Sur Vanitelli ma toghgobnix, dak kollox.

VANITELLI: Ghaliex jahasra? Tmur ma' dak l-imghawweg ta' Domenico Venier u ma tridx tigi mieghi?!

VERONICA: Li s-Senatur Domenico Venier hu zopp, veru, imma ghandu spirtu hafif u mohh bhal gnien fir-rebbiegha waqt li mohhok, Sur Vanitelli, hu zopp u mxennaq. Ammetti ta' l-inqas li hadtli l-imqass tad-deheb u l-kaxxa tal-fidda. Nahfirlek, imma ammetti.

VANITELLI: Dak l-alla imqass mhux jien hadtulek. Anqas biss rajtu.

GASPARA: Imma jekk sahansitra taf kemm hemm brix fuq il-kaxxa…

VANITELLI: Kurzita' dik kienet biss kurzita. L-imqas tieghek mhux jien hadtu. Ghandi bizzejjed flus biex inhallsek.

VERONICA: L-anqas li kellek elf dukat ma kont inhallik….Issa itlaqli 'l barra. Aktar tard nahseb jekk ghandix inkeccik jew le.

---

*Sequence 25 – MONSIGNORE, VERONICA*

*[Dwal fuq il- MONSIGNORE u immedjatament wara fuq VERONICA ]*

MONSIGNORE : Veronica Franco, l-akkuzata int hi?

VERONICA : Iva.

MONSIGNORE : [*ixammem*]!

VERONICA : Jaqaw ghogbithek il-fwieha?

MONSIGNORE : Toghgobni.

VERONICA : Tassew kuntenta li toghgbok.

MONSIGNORE : Hawnhekk dejjem nghumu fl-intejjen

VERONICA: Tridx nibghatlek flixkun minnha?

MONSIGNORE: Silenzju! X'inhu ghaddej minn rasek? Tahseb li tista tixtrini b'daqxejn ta' flixkun fwieha? [*Jaqra*] "Contra Clara Domina Veronica Francum annus domini elf hames mija u sitta u sebghin." [*Ihares lejha*] Taf li hawn akkuzi serjissimi kontrik?

VERONICA: Jiena monsinjur?

MONSIGNORE: Certu Ridolfo Vanitelli, ghalliem, gie ghandna. Dan is-sinjur jahdem mieghek?

VERONICA: [*minn taht l-ilsien*] Fih sinjur ukoll. - Iva, mieghi jahdem.

MONSIGNORE: [*jaqra*] "Certa Veronica Franco, prostituta pubblika, kif il-bierah kienet qed tfittex xi affarijiet taghha f'darha, akkuzat is-sottoskritt quddiem kull min kien hemm fid-dar li seraq imqass tad-deheb u kaxxa tal-fidda u rrabjat mas-sottoskrit u kompliet takkuzah b'serq..." Dan minnu?

VERONICA: Iva, hu seraqhom.

MONSIGNORE: Kif taf?

VERONICA: Qal lill-qaddejja tieghi Gaspara li hadhom ghand argentier habib tieghu biex jara kemm jiswew.

MONSIGNORE: Dan ma jikkostitwix prova.

VERONICA: Anqas biss keccejtu. U ammetta li hu u ibni Achillino jqattghu hinhom jaghmlu l-membri tal-karti flok joqghod jghallmu l-Latin.

MONSIGNORE: Membri tal-karti? X'inhuma? Ghaliex?

VERONICA: Hekk bhala loghba. X'inhuma taf bizejjed.

MONSIGNORE: [*ikompli jaqra*] "Biex issib l-imsemmi imqass, Is-sinjura Franco bdiet taghmel inkantazzjonijiet u invokazzjonijiet lix-xjaten tant li kulhadd kien skandallizat..." Qed tinduna kemm hi serja din il-kwistjoni? Wegibni sincerament waqt li tiftakar li qieghda quddiem it-Tribunal ta' l-Inkwizizzjoni. Veru li int akkuzajt lil dan ir-ragel?

VERONICA: Iva, imma ma kinitx hlief cajta, Monsinjur.

MONSIGNORE: U x'rizultati lhaqt bl-ilma imbierek u bix-xemgha? Qbadtu lill-halliel?

VERONICA: Ghjaliex ? Jaqaw int ukoll temmen fis-seher?

MONSIGNORE: U x'int tghid! Staqsejtek biex nifhem ahjar kif sehhet il-grajja kollha.

VERONICA: Ma lhaqt xejn ghax ilkoll kemm ahna nfqajna nidhku u l-grajja waqfet hemm.

MONSIGNORE: Imma d-denunzja le. L-ghalliem qed jistaqsi lit-Tribunal ta' l-Inkwizizzjoni [*jaqra*] "jikkastiga lill imsemmija Veronica Franco u l-ohrajn prezenti ghall-imsemmija inkantazzjoni u invokazzjonijiet lix-xjaten kif il-ligijiet sagri u divini jikkmandaw biex jinghata ezempju tajjeb lil kulhadd, ghaliex jekk din is-sahhara u mara tat-triq ma tigix ikkastigata, hafna jaghmlu bhal ghemilha li jmur kontra l-fidi safja ta' l-Appostolika Knisja minn taghna". Jakkuzak li tizfen, tkanta, tilghab il-karti..Dan minnu?

VERONICA: Int qatt ma kont, b'kumbinazzjoni, fid-dar ta' kortigjana? X'taghmel hemmhekk hlief thares 'l hawn u 'l hinn, tisma' il-muzika, tkanta u tiekol? Ahna nilghabu l-karti. Hekk bhal ma jaghmlu bosta familji.

MONSIGNORE: Kif taf tajjeb, l-ebda Monsinjur ma jersaq ghand kortigjana.

VERONICA: Imma ghandi jigu hafna. Tridx nghidlek isimhom?

MONSIGNORE: F'isem l-Inkwizizzjoni, le!...Hawnhekk int akkuzata wkoll li ma tmurx quddies il-Hadd. Dan minnu?

VERONICA: Bhala kortigjani ma nistaghux nidhru qrib knisja nhar ta' Hadd. Allura kif nistgfhu mmorru l-quddies?

MONSIGNORE: Tista' tqum fl-erbgha u tmur ghal tal-hamsa. Dan hadd mhu ser izommok milli taghmlu.

VERONICA: Wara li nkun irqadt fis-saghtejn ta' bil-lejl?

MONSIGNORE: Ghandek tkun taf Sinjura Franco li int akkuzata b'kull tip ta' ksur tal-ligi.

VERONICA: Bhal xiex?

MONSIGNORE: Akkuzata li kilt il-laham nhar ta' Gimgha.

VERONICA: Eccellenza, xkora vojta ma tiqafx. Kortigjana tahdem bil-lejl u bi nhar u trid issostni ruhha.

MONSIGNORE: Imma il-Gimgha ma tistax tiekol laham.

VERONICA: Dik haga li setghet grat darba. Fuq kollox, dakinhar, flimkien ma Vanitelli, kien hemm ukoll il-Kardinal Falenghi, il-

Monsinjur Guido, is-Senatur Damaso Neva, u l-Gran Inkwizitur - tafu int, Eccellenza.

MONSIGNORE: Ahjar ninsew kollox.

VERONICA: Rajt ma rajtx, smajt ma smajtx.

MONSIGNORE: Niddeciedi jien.

VERONICA: Nostrok u tostorni sakemm tigi l-mewt tigborni.

MONSIGNORE: Qed tipprova tikkorrompini?

VERONICA: Anqas biss jghaddili minn rasi.

MONSIGNORE: Taf li nista' nixwik. Imma m'ghandix aptit.

VERONICA: Il-biza' hi l-bidu ta' kull gherf.

MONSIGNORE: Jekk se tkompli tparla se nibghatlek il-habs ta' Piombi.

VERONICA: Skuzani...Is-silenzju hu l-bidu ta' kull gherf.

MONSIGNORE: Imma ftakar li darb'ohra ma naghlqux ghajn wahda. U mohhok hemm ghax se nghassulek! Gharkubtejk! Mur il-quddies il-Hadd anke jekk trid tqum fl-erbgha. Tikolx lahmijiet il-Gimgha. Hallik mill-inkantazzjonijiet lil ta' barra minn hawn.

VERONICA: Nista' immur?

MONSIGNORE: Mur.

VERONICA: Meta trid, Monsinjur, il-bibien tieghi dejjem miftuhin ghalik. Tista' tesperjenza serata sbejha, b'tahdit erudit, kant u qari ta' poeziji. Ma jonqsx l-ikel u l-inbid tajjeb.

MONSIGNORE: [*ironiku*] Issa nistaqsi lill-Papa jridx jigi mieghi. L-iskandlu ma jkunx akbar miz-zjara tar-re ta' Franza!

*[Jintefa d-dawl minn fuq il-MONSIGNORE]*

*Sequence 26 – VERONICA VANNITELLI*

*[Dwal. VERONICA miexja b'mantar iswed fuqha. Iwaqqafha VANITELLI]*

VANITELLI: Mela ma qaflukx?

VERONICA: Jien hielsa. Ibza' ghal gildek.

VANITELLI: Hsibtu jien, ja qahba hanzira li int, hsibtu jien – kif jista' ghalliem imcercer imur kontra landa zibel imharsa mill-irjus kollha ta' Venezja?

VERONICA: Jekk hsibtha, ghaliex ghamiltha? Int widna imqammla!

VANITELLI :Hsibtu jien, qahba Madonna, hsibtu!

VERONICA: Mohhok hemm Vannitelli li ma tqajjimx l-ghadab ta' l-Inkwizizzjoni bi kliemek. Sahha, ghalliem ghaziz, sahha, u daqshekk harist lejk.

VANITELLI: Stenna Veronica, jien inhobbok, stenna!

*[VERONICA tghatti rasha u titlaq. VANITELLI bhal indannat jigri warajha]*

VANITELLI: L-imqass ma bighejtux. Zammejtu that imhadti biex niftakar fik. Tridu? Jekk tridu ta' l-inqas trid tfittixni...se thares lejja, O Sinjura!

VERONICA: Le, Sur ghalliem, int basla. L-imqas zommu u sahha!

VANITELLI: Jekk joghgbok, jekk joghgbok, Veronica.

*[Tohrog VERONICA]*

---

*Sequence 27 - VANNITELLI*

VANITELLI: Ja qahba l'int! Nobghodok! Nobghodok. Qed tixjieh, tinten daqs qattus xih, gilditek imberdla, ghajnejk idemmghu, int kerha, kerha, iggaghlni nirremetti. Nobghodok! Issa mmur lura ghand dak il-Monsinjur u nghidlu li ghamiltli maghmul li bih sahhartni. Int ir-rovina tieghi Veronica...Veronica!!

*[Dlam fuq VANITELLI]*

---

Sequence 28 - VERONICA, ANZOLA

*[Dwal fuq l-isptar]*

VERONICA: Kont nahseb li jien sabiha imma kemm kont sejra zmerc! Xi kburija, x'arroganza...Nahseb li alla qieghed ibezbizhieli. Tkellimt fuq l-imhabba, Anzola, kont noghxa nara kemm jien tajba fl-ghoti tal-pjacir...u weggajt 'l Alla. Kien qisu li jiena b'idejja stess ghasart sponza bil-hall fil-feriti miftuhin tieghu

ANZOLA: Hallik minn dan kollu, hanini. Int bhal haddiehor, la aghar u l-anqas ahjar. M'ghasartx l-isponza bil-hall fil-feriti tas-Sinjur Taghna. Qed tahseb li int xi ras kbira.

VERONICA: U forsi ghalhekk ghadu ma ddecidiex jekk isejjahlix ghandu jew le? La qalb il-hajjin u anqas fost il-mejtin? Ghaliex ghajnejh iharsu 'l fuq minn rasi, lil hinn, minghajr ma jarani? Hekk jew mhux hekk, Anzola?

ANZOLA: Iva, hekk hu.

VERONICA: Qieghda hawn mhux b'kastig imma hekk, bi zball, bi traskuragni.

ANZOLA: Hekk hu.

VERONICA: Mill-banda l-ohra, jista' jkun li qed izommni hajja ghal xi raguni mohbija li jien ghandi niskopri aktar tard, ferm aktar tard...hemm certu gost f'din is-sentenza sospiza...Forsi anki Hu toghgbu l-fwieha tieghi.

ANZOLA: U tidhakx bik innifsek! Int tahseb li kull ragel jixtieqek. Imma l-Mulej, il-Mulej tieghi, ibqa' certa li ma jixtiqekx. Fwihatek anqas biss toqghod hdejn il-qfiel tal-qorq tieghu. Hu perfett u jixtieq biss lilu nnifsu.

VERONICA: Hu gisem imdejjaq dak li jixtieq biss lilu nnifsu.

ANZOLA: Imma l-perfezzjoni hekk titlob.

VERONICA: U int ukoll! Tghidli dak li jista' jgaghlni nzangar! Hallini nittama, ostja, nittama li Hu jixtieqni.

ANZOLA: Bicca mahmuga bhalek!?

VERONICA: Bicca ta' l-art bhali...naf li Hu jaghmel il-mirakli...Ajma Mulej X'ugigh! [*Taqa' ANZOLA tqajjimha*]

ANZOLA: Ara naqra kif se...forsi l-Mulej sema' talbek...fit-tjubija infinita tieghu...anke qahba...karkura wzata...x'pacenzja ghandek, Mulej! Ghall-hniena tieghek limitu ma hemmx. Nahseb li qed thenn iz-zejjed, ikolli nghidlek. Onestament, hu inkredibbli kif hawn min jisseduci sahansitra lill-genna...Mur, mur warajha ja mara – min ghandu jinghatalu ...

*[Dalma]*

## It-Tieni Att

*Sequence 29 – ANZOLA, VERONICA*

*Il-lazzarett.*

ANZOLA: Isa, zewg passi ohra u wasalna.

VERONICA: Jahassra ma niflahx.

ANZOLA: Aghmel il-qalb.

VERONICA: Se naqa'.

ANZOLA: M'intix se taqa'. Ejja nippruvaw, bil-mod, bil-mod, pass wara pass wara pass... Ilek tara mejtin jahasra.

VERONICA: Wisq.

ANZOLA: Ghandek sebat erwieh bhall-qtates.

VERONICA: Seba' hajjiet x'tambihom. Wahda tajba bizzejjd ghalija.

ANZOLA: Raffaele d-deffien laghab tliet skudi li sal-lejla tkun mejta.

VERONICA: Ja hanzir l'hu!

ANZOLA: Sor Miranda laghbet bajda li int tidhak bl-angli.

VERONICA: U min kielha?

ANZOLA: Hi kilitha, ghax hi rebhet... u taf kontra min laghbet?

VERONICA: Kontra min?

ANZOLA: Kontrijja.

VERONICA: Laghabt li se mmut – fik habiba wkoll!

ANZOLA: Kont wasalt fl-ahhar. Imbaghad, dik il-bajda.

VERONICA: Friska, tonda tonda... kemm ilek ma tiekol bajda mghollija, Sor?

ANZOLA: Ha nara naqra [*tghodd fuq subghajha*]. Wahda, tnejn, tlieta, seba' snin. Iva, seba' snin.

VERONICA: Kien jaqbillek kieku mitlek, mela. U ghadek lesta tilghab li ma fadallix wisq zmien?

ANZOLA: Issa tidher ahjar. Imma hadd ma jista' jahlef. Dil-pesta mqarba. Tidhirlek sejra 'l hinn u kif iddawwar wiccek in-naha l-ohra, terga' tibda tigri warajk. Ghadni nittama li nduq dik il-bajda.

VERONICA: Alla tak mohh ta' gharfa.

ANZOLA: [*Imdejqa*] Hadd qatt ma sejjahli hekk qabel.

[*Titbieghed donnha se thalli lil VERONICA wehidha. VERONICA tixxengel.*]

VERONICA: Stenna ftit, stenna f'gieh kemm ghandek erwieh! Ma tarax li anqas nista' nieqaf?

ANZOLA: Mut!

VERONICA: Jekk joghgbok, Anzola. [*Timxi tliet passi lejha.*]

ANZOLA: Minghajri int bicca mitluqa. Trid tobdini b'ghajnejk maghluqin.

VERONICA: [*Imdejqa, ironika*] Nobdik b'ghajneja maghluqin.

ANZOLA: Taghmel int dak kollu li nordnalek?

VERONICA: Iva, naghmlu, mhux ma' l-art ghax ma nkunx nista' nqum.

ANZOLA: Poggi hawn ghax ghoddok qlajtli spallti.

VERONICA: U le jahasra, mhux ma' l-art ghax ma nkunx nista' nqum.

ANZOLA: Poggi hawn u serrah mal-hajt ha mmur ingiblek siggu.

VERONICA: Le, jahasra, titlaqnix. Se naqa'!

ANZOLA: Serrah hawn. U norbtok b'dax-xall ma' dal-musmar.

[*ANZOLA torbotha. VERONICA marbuta mal-hajt.*]

*Sequence 30 - VERONICA*

VERONICA: Ara f'hiex kelli nispicca. Veronica, qisha tigiega mnittfa mwahhla ma' musmar. Sor, fejn bqajt, Sor? Soru Anzola... ja qahba li hi, qed nismaghha. Marret tilghab l-imhatri... Anzola, Anzola!

---

*Sequence 31 - VERONICA, ANZOLA*

ANZOLA: Allura, ghidli naqra.

VERONICA: Xi tridni nghidlek?

ANZOLA: Xi haga fuqek. L-istejjer tieghek joghgbuni.

VERONICA: Imma xi trid tisma'?

ANZOLA: Ghedtli fuq ir-Re... fuq zewgek Pawlu... u fuq iehor, x'ghedt li jismu bhalissa?

VERONICA: Marco?

ANZOLA: Habbejtu?

VERONICA: Iva. Imma hu le. Jew forsi kien ihobbni, imma mill-boghod. Kortigjana qatt ma tkun tieghek, taqsamha ma' l-ohrajn. Kollha jsiru hbieb, komplici, imxierka... il-mahbubin tassew jipposedu lil xulxin... l-ohrajn jaqsmu kollox bejnithom, bhal ahwa... wiehed joghgbu sider, l-iehor halq, it-tielet, l-ghajnejn, ir-raba', is-saqajn...

ANZOLA: Is-saqajn?... Ghidli, ghidli fuq is-saqajn.

VERONICA: Marco, per ezempju, joghgbuh hafna s-saqajn.

---

*Sequence 32 - MARCO*

[*Dawl qawwi fuq il-palk. MARCO eleganti. Jigi bil-mod, ghajjien, 'il quddiem. Jintfew id-dwal fuq VERONICA.*]

MARCO: Qed nitolbok, hekk, tghaggilx, tghaggilx... Fl-imhabba niggosta l-aktar il-preparazzjoni ghall-imhabba... Hallini nisma' z-zarbuna ckejkna tieghek taqa' fl-art... u issa l-ohra... Int tghid li qieghda hafja imma nista' nisma' thaxwixa meta tmiss l-art b'saqajk... Jaqaw ghadek bil-kalzetti? Nisperaw li le, Veronica.

Kemm-il darba ghedtlek li l-gilda kollha trid tinheles mix-xkiel ta' l-ilbies? Dawk il-kalzetti taht idejja jinnervjawni, jaghmluni melankoniku. Hallini nisma' lil saqajk imissu l-qiegha ta' l-art. Naf li l-ksieh imma mbaghad insahhanhomlok jien.

---

*Sequence 33 – MARCO, VERONICA*

[*Tidhol VERONICA b'zarbun bit-tkaken gholjin.*]

VERONICA: Kif int Marco?

MARCO: Kont qed nohlom bik. U dhalt f'holmieti bid-delikatezza ta' mercenarju. Ghax ilbist zarbun bhal dak? Ma tafx li nobghodhom?

VERONICA: Imma dawn fil-moda.

MARCO. Moda kerha. Nehhihom, jekk joghgbok.

[*VERONICA tnehhi l-libsa ta' fuq. Tnehhi z-zarbun.*]

VERONICA: Ilek gimghatejn ma tersaq 'l hawn. Fejn il-mniefah kont?

MARCO: Forsi d-dar rieqed...forsi 'l hawn u 'l hinn...indur mal-hbieb.

VERONICA: Ghaliex dal misteri kollha?

MARCO: Ghal li jista' jkun mhux qieghda tghir, hux?

VERONICA: U kieku ghajjura x'ser jigri b'daqshekk?

MARCO: Kortigjana la ghandha tqajjem l-ghira u lanqas thossha. Mhijiex permessa.

VERONICA: Min ma jippermettihiex?

MARCO: Is-sens komun. L-intelligenza.

VERONICA: L-ewwel tfittex imhabbti imbghad turi li ma tridhiex. Ghandek bzonn ftit logika.

MARCO: F'darek l-imhabba hi kortesija, loghba, kuntentizza, ghotja. Sakemm ma tibdiex timita il-manjieri ta' certu nies.

VERONICA: Liema nies?

MARCO: Il-konformisti, l-irgiel onesti, il-mahbubin ta' subghajhom dritt.

VERONICA: Dawk mhumiex hlief jimitawna.

MARCO: Id-dami rispettabbli joholmu li jjkunu kortigjani u l-kortigjani ma jridux hlief isiru dami rispettabbli.

VERONICA: Forsi n-nisa kollha jridu jigu rispettati bhal nisa onesti imma jkollhom il-liberta' ta' kortigjani.

[*MARCO jilghab biz-zarbun u mbaghad b'saqghajn VERONICA.*]

MARCO: Dawn tortura ghas-saqajn. Is-saqajn wiehed irid jikkarezzahom. Jekk ma taghtix kashom iwegbuk billi jrabbu il-kallijiet.

VERONICA: Nidlikom biz-zejt ifuh ma taqtira anisetta Torka jorqdu qishom zewgt itrabi.

MARCO: Li jien irrid inqajjem b'bewsa.

[*Jidhku*]

VERONICA: Xi tghid kieku nghidlek li qed nistenna tarbija?

MARCO: Ergajt.

VERONICA: Iva. Ta' l-inqas hekk jidher.

MARCO: Ghandek bzonn il-flus?

VERONICA: Daz-zgur li rrid il-flus.

MARCO: Taf li jien it-trabi ma joghgbinu xejn. It-tfal niggustahom meta jibdew jaqraw u jiktbu. Nixtieq tifla zghira. Ta' hames snin. "Missier ghaziz, tista' tghatini hmistax-il skud biex nixtri libsa tas-satin irrakmata bil-fidda?". "Ghaziza Olimpja, qabel kull libsa tas-satin nixtieqek taqra dan il-ktieb li missierek, bi qbil ma ommok, xtaq li jiddedika lilek."

[*Jibda jaqra poezij.*]

---

*Sequence 34 - GASPARA*

[*Dawl fuq GASPARA li qieghda issajjar*]

GASPARA: Orqod, orqod, ja dogina zghira ejja halli insahhnek jien ... ommok hi mara mill-isbah- u int, int l-isbah qazquz mill-

qzieqes kollha li ghandi. Missierek, is-Sur Marco, l-anqas biss ihares lejk. Ried tifla. Kemm trid, Gaspara? Tletin skud? Hamsin? Iddejjaqnix b'dik in-nitfa ta' qazquz - ma' rridekx tarah ikrah wisq. Int u hu qiskom fula maqsuma. Ma jixbahnix sehta. Ikrak daqs daghwa b'Alla. Ghadu zghir - issa tara la jikber kemm jisbieh. Hawn int . Ha dawn l-ghoxrin skud u ixtrilu qmis gdida, ziemel zghir, kitarra zghira, habel hasir biex jitghallaq bih imma tressqux quddiem ghajnejja.

---

*Sequence 35 - VERONICA,*

*GASPARA*

VERONICA: [*taqra waqt li tbennen in-nieqa]*

Dak li nheba f'qalbi

Ilsieni sew rabatni

ugiegh hlejju ta' l-imhabba

li xi darba ghad jitlissen

[*tirrepeti]*

... ugiegh hjlejju ta' l-imhabba... ugiegh ta' mhabba... ugiegh ta' mhabbla.... Halli il-gibda lejh tifjini...biex warajh ma nigrix aktar... [*tghodd is-sillabi]* ... biex...wa - rajh - ma - nig - rix - ak - tar.

GASPARA: It-tazzi bil-burdura tad-deheb jew tal-burdura hamra trid?

VERONICA: U mhux qed tara li ghandi x'naghmel?

GASPARA: Siegha ohra n-nies ghall-ikel ikunu hawn u int ghadek hemm tahli hinek.

VERONICA: Hini m'iniex nahlih. Qed nikteb versi li imbghad ser naqrahom lil shabi.

GASPARA: Imma l-ewwel jehtieg tilbes u tara li fuq il-mejda kollox f'postu. Trid tipprova l-inbid, tirranga l-fjuri, tixghel ix-xemghat.

VERONICA: Dak kollu tista' taghmlu int.

GASAPRA: Imma qabel dejjem int ghamiltu.

VERONICA: U l-lejla ma nistax. Qieghda lura fil-versi. Tridni nidher kerha quddiem in-nies? Hallini, Gaspara, hallini, ghandi x'nikteb.

GASPARA: U b'hekk is-serata se tkun dizastru.

VERONICA: Kollox sew ! Aghtini hames minuti u mbghad nigi. Kuntenta issa?

GASPARA: Xejn inqas u xejn iktar minn hames minuti.

[*GASPARA tielu n-nieqa maghha*].

VERONICA: M'ghandix mumenti li hu mument ghall-kwiet - ugiegh hlejju ta' l-imhabba... halli l-gibda lejh tifjini...biex warajh ma nigrix aktar.

[*GASPARA mal-ewwel terga' tidhol*].

GASPARA: Il-hames minuti ghaddew. L-ispizjar irid jithallas. Achillino qala' u issa qed inewwah.

VERONICA: Is-soltu kollox wahdek torganizza u llum donnok ma tistax tghaddi minghajri. Ghaliex?

GASPARA: Nitwerwer kif nisma' l-passi tas-senatur Domenico Venier.

VERONICA: Diga' gie?

---

*Sequence 36 – DOMENICO,*

*GASPARA,*

[*Jidhol DOMENICO*]

DOMENICO: Allura dan bin Marco?

GASPARA: Jismu Enea.

DOMENICO: Seta' kien tieghi.

GASPARA: Joghgbok?

DOMENICO: Le.

GASPARA: Anqas lil missieru ma joghgob.

DOMENICO: Kieku jien ghamiltu ahjar.

GASPARA: Ghad ikun ragel kbir.

---

*Sequence 37 – MAFFIO, DOMENICO*

*[Jidhol MAFFIO. Tohrog GASPARA]*

MAFFIO: Hawn jien!

DOMENICO: Ilni hmistax -il sena gej u sejjer u qatt ma rajtek hawn.

MAFFIO: Minn meta s-sinjorita' qed tghodd bhalma jigri fl-impjiegi tal-Gvern?

DOMENICO: Tridx ma noqghodux imparlaw.

---

*Sequence 38 – VERONICA, DOMENICO, MAFFIO*

[*Tidhol VERONICA liebsa elegantissima*]

DOMENICO: Fl-ahhar! X'int sabiha! Veronica Franco: li taf dwar is-sahha tar-rimi jleqqu, u tuzaha.

MAFFIO: Dak ghax trid tghatti l-munzell hara li jghattina.

VERONICA: Jien ma nghatti xejn. Fil-versi kif inhossha nghidha u dan tafu sew int.

MAFFIO: Iva, naqbel li tghid il-verita', imma hi verita' artificjali, imlibbsa.

VERONICA: Nahseb li daqskemm int insulenti telghulek il-kallijiet fuq ilsienek.

DOMENICO: Taqax ghan-nasba tieghu, Veronica. Maffio jiehu gost jara lill-ohrajn irrabjati… Tferraghli naqra nbid, Veronica?

VERONICA: Spanjol jew Ciprijott?

DOMENICO: Nippreferi dak Toskan b'toghma hawhija.

VERONICA: Dak mhux helu zzejjed ghalik?

DOMENICO: Toghgobni t-toghma. Tfakkarni meta kont ghadni t'ghoxrin u kont nohrog mid-dar kmieni biex inzomm rihet il-gnien. Kien hemm hawha zghira mimlija li kienet taghmel hawh zghir mimli li kellu riha taqsmek, riha li kienet twaqqaf lil kull min ikun ghaddej mit-triq.

MAFFIO: X'Cucati!

DOMENICO: [*Ma jaghtix kaz*] Veronica, qabel inpoggu madwar il-mejda nixtieqek taqrali l-ahhar rimi tieghek.

VERONICA: Biex jobzoqli fuqhom Maffio? Le' grazzi.

MAFFIO: Nahlef li noqghod bravu. Kulma taghmel jecitani. M'iniex nispecifika - kulma taghmel li hu intellettwali. X'tahseb? Tista' kortigjana taghrex mohh ragel flimkien ma'dendulu ?

DOMENICO: Imma kemm int insolenti. Diga' ndunajt li qed tipprova minn kollox biex tgharrqilna s-serata.

VERONICA: Ghax ma tirrectax xi haga int, Maffio, minn tieghek?

DOMENICO: Ejja aqra, irrecta, forsi mbaghad taghlaq halqek.

MAFFIO: [*johrog karta minn butu u jaqra*]

Emminni, f'gieh San Maffju, Franca,

Dan huwa r-raba' xahar li jiena

Qed warajk inhabbel sufi.

Minn banda, tajjeb hu ghalija

Li nigri warajk bhall kelb imsawwat

Nisimghek tinseg kliem iqattar gherfek.

Minn banda ohra, fija hemm rabja

Li rrid li nirremetti qabel nifga.

Ghal bewsa tithallasli b'xi sitt skudi

U biex il-harsi nimla

[Bhalma taghmel Gaspara meta jordnawlhom]

Irrid indendel hamsin skud - x'dendul!

DOMENICO: U din tghidilha poezija?

MAFFIO: Ghaliex, jaqaw ma toghgbokx?

DOMENICO: Din mhijiex hlief insolenza li tixbah lill-ballata u l-ballata hi l-poezija tal-qaddiefa.

MAFFIO: Ilqatt il-musmar fuq rasu - jien qaddief, li l-erwieh igorr 'l hawn u 'l hinn fuq ix-xmara. Ruhek ma nistax ingorrha ghax tizen wisq. Mhijiex ruh imma xkora mtaqqba.

DOMENICO: Int taqdef, jien nikteb.

VERONICA: Jekk tridu tpoggu l-mejda lesta.

---

*Sequence 38A - ANZOLA*

*[Ftit dawl fuq il-lazzarett ANZOLA tara lill-ohrajn jieklu b'halqha miftuh]*

ANZOLA: Tigieg il-forn... O Alla tat-tjubija...tigieg... u butir mahlul fuqhom... ahfirli Santa Barbara... u r-riha tfuh taqbadni, tahkimni, tahfinni, tghallaqni. Naf x'se nghid - qed nadura l-ghogol tad-deheb ... li xammejt tigiega mixwija u lesta li nbigh ruhi ghaliha [*ixxomm l-arja*]...

---

*Sequence 39 – VERONICA, DOMENICO, MAFFIO, GASPARA*

[*Wara l-ikel. MAFFIO jidher xurban.*]

MAFFIO: Ajma jahasra, x'ikla dik!

VERONICA: Qed nara li l-aptit ma jonqsokx.

MAFFIO: Kelli l-guh!

VERONICA: Qed niehu gost li qed tonora l-mejda tieghi.

MAFFIO: Jien inhobbok, Veronica - qed nghidlek quddiem daz-zopp - ma tantx jimpurtani minnu. Tridni nibqa' mieghek?

DOMENICO: Jiekol u jixrob minn fuq dahar haddiehor.

MAFFIO: Tridnix nibqa' hawn minghajr ma niekol u nixrob.

VERONICA: Ahjar nidhol f'kunvent milli jkolii lilek ma saqajja. Xbajt inkecci rgiel arroganti minn hawn.

MAFFIO: Imma jien, Maffio, l-ahjar poet f'dil-qahba belt.

DOMENICO: Amen.

VERONICA: Tassew niehu pjacir bik kieku imma fi ftit xhur nispicca b'xejn, bil-but vojt.

MAFFIO: Flus, dejjem il-qahb' ommhom flus, f'xejn iktar ma tahseb. Anke t-tnehid jintizen hawn gew. Tnehida - ghaxar skudi, tnehida ta' pjacir - seba' skudi, demgha - tliet skudi, tifwieqa - zewg skudi, bassa, skud u nofs.

VERONICA: Dejjem tiekol u tixrob u qatt ma rajtek tohrog skud mill-but.

MAFFIO: Ghax skud m'ghandix. U ghax m'ghandix ma nistax nahxi. Imma mbaghad meta l-Papa jiddeciedi li jaghmilni Isqof ta' Brescia - ghax il-post battal - jekk isqof insir, b'mitt dukat kuljum intir!

VERONICA: Tassew taghmel Isqof gustuz. Nibda nigi Brescia nisimghek tqaddes.

MAFFIO: Jekk inewluli inbid tajjeb fuq kollox.

DOMENICO: Kompli isker, siehbi. Sadanittant se nistaqsi lis-Sinjura taghna biex tlestili daqxejn ta' post f'sodditha.

VERONICA: Qed niehu gost li tixtieqni.

DOMENICO: Jigifieri li accettajt?

VERONICA: Taf li jien naqra perversa. Li nhobb nilghab.

DOMENICO: Mhux qed nistaqsik tilghab.

MAFFIO: Dan bis-serjeta' qed jghid... ja bicca ta' xih!

VERONICA: Iskot ftit. Gharwien jidher ahjar.

MAFFIO: Qisu lixka!

VERONICA: Ma tafx kemm jista' jkun delikat gisem xih.

MAFFIO: Tassew delikat!

DOMENICO: Allura nkun nista' naghfsek kemm irrid?

VERONICA: Ha ha ha!.

DOMENICO: Inkun nista' inbusek kemm irrid.

VERONICA: U kemm joghgbok.

DOMENICO: Tlaqna mela!

VERONICA: Tlaqna!

MAFFIO: Morru!

VERONICA: Jekk trid tkompli tlegleg, il-fliexken taf fejn huma.

DOMENICO: Il-lejl it-tajjeb, poeta!

MAFFIO: Ghaliex jiccelebraw, jaghmlu atti erojci, jiggieldu u jiktbu l-versi ghal mara li tahra bhal haddiehor?

---

*Sequence 40 – ANZOLA,*

*[Ftit dawl fuq il-lazzarett ANZOLA tara lill-ohrajn jieklu b'halqha miftuh]*

ANZOLA: *[ixxomm l-arja]*... tigiega... tigiega... darbtejn f'ghomri kilt tigiega u ghal dan ahfirli Santa Barbara. L-ewwel darba ta' sitt snin, b'ommi sservi ghand ta' Zanir, imhallef kien dan mit-twajbin, zewweg 'il bintu mal-barrani. "Duqha, ha", qaltli Gannetta Zanir waqt li f'idi poggietli koxxa ta' tigiega u z-zejt shun beda niezel ma' geddumi... It-tieni darba kelli hmistax. Issawwatt u tbengilt minn missier tar-rispett u kien hemm merkant ta' l-inbid li gietu hniena minni, ghinni u zammni f'daru ghal tlett ijiem. Dak inhar filghaxija gie f'soddti u tela' fuqi u beda jaghfasni qisu ried ikissirli ghadmi, imbghad mar fil-kcina u gie lura b'bicca tigiega li kien seraq lil martu.

---

*Sequence 41 – VERONICA, ANZOLA*

*[Waqt dan il-monolgu jintfew bil-mod il-mod id-dawl fuq il-mejda u jizdiedu fuq VERONICA fil-lazzaett]*

VERONICA: Imsejkna Anzola, imsejkna Anzola tieghi, x'naqbad naghmel bik?

ANZOLA: X'taqbad taghmel bija?

VERONICA: X'naqbad naghmel?

ANZOLA: X'taqbad taghmel? Allura int kont tiekol it-tigieg kuljum?

VERONICA: U le, x'kuljum kuljum. Ghandek idea kemm tqum tigiega?

ANZOLA: Kieku nghidlek li naf ikun ifisser li gieli xtrajt.

VERONICA: Erba' skudi l-libbra.

ANZOLA: U ghalhekk qatt ma dahlu tigieg f'darna.

VERONICA: Madonna, kif qed iddur rasi bija! Tahseb li ghal xi darba nghaddi ghall-ahjar?

ANZOLA: Nahseb li ma tantx int sejra tajjeb.

VERONICA: Grazzi tal-kuragg.

ANZOLA: Wiccek abjad karti.

VERONICA: Kemm hi mdallma Venezja l-lejla! L-ilma qisu taccomb, ma jitharrikx, qisu qieghed. Ilhom ix-xhur issa l-gondoli libsin l-iswed ghall-mejtin li jgorru, imma issa qed ibatti d-daqq talqniepen. Forsi l-marda telqitna.

ANZOLA: Le, hej, le. Ghadhom imutu daqs qabel!

VERONICA: Gieli tlabt ghalija?

ANZOLA: Ghandi aktar x'naghmel milli noqghod nitlob.

VERONICA: Kont nahseb li konna hbieb.

ANZOLA: Iva, iva, ...kieku int ma ddejjaqnix...taf int, dejjem hawn flimkien...l-ohrajn jigu u jitilqu, imma int bqajt hawn... kif jista' jkun li ma nsirux hbieb! [*tahseb*]... Allura kull meta kont tiekol tigieg?

VERONICA: Darba fix-xahar, forsi darbtejn.

ANZOLA: Allura kull hmistax kont tiekol tigieg.

VERONICA: Lil Domenico ma kinux joghgbuh. Kien jippreferi l-hut. Kultnat kien igib basket imfawwar mieghu.

ANZOLA: Il-hut ghall-morda. Ghidli fuq it-tigieg.

VERONICA: Darba Marco giebli tigiega hajja. Qaghdet ghal xi siegha fix-xemx tal-gallerija. Imbaghad bdiet tigri u titliegheb, kuntenta u ferhana, li hadd, hadd ma kellu l-kuragg joqtolha. Mietet bix-xjuhija.

ANZOLA: Kieku kont jien kont nahfinha minn ghonqa u ndawwarulha tnejn tajbin - anke nejja kont nikollha.

VERONICA: Tahseb li ghandi d-deni?

ANZOLA: [*Ticcekja il-polz*] Iva, hekk hu... ghandek qalbek tghidx x'tigri...Imma fejn sejra? Kemm -il ragel habbejt?

VERONICA: Fis-sodda dahhalt hafna minnhom. Imma f'qalbi dahhalt forsi tnejn - lil Domenico Venier minn meta ltqajt mieghu u lil Marco Venier, missier Enea.

ANZOLA: U lil zewgek, Pawlu?

VERONICA: Anzola, jien kelli bzonn nizzewweg. Imma nahseb li kont inhobbu wkoll.

ANZOLA: Allura ghax ma zzewwigtx lis-Sur Domenico?

VERONICA: Kien hu li ma riedx jizzewwigni. Ta' Venier mhux se jizzewgu kortigjana.

---

*Sequence 42 - DOMENICO*

[*Dawl fuq il-palk fejn hemm DOMENICO jzappap.*]

DOMENICO: Aktar milli stajt habbejtek, Veronica, aktar milli ppermettieli l-hsieb hieles tieghi, aktar milli hallieni gismi... U l-hakma tieghek habbejtha aktar milli ridt. Ghal dan nitolbok tahfirli. Meta zarek ir-Re ta' Franza ghamilt rebha, Veronica tieghi. Imma f'qalbi bkejtek. Kienet rebha mimlija umiljazzjoni, offensiva. Rebha li sammret gismek ta' kortigjana mal-hitan tal-belt. Imma l-iskjavitu' lilek ghenitek sew. Hallietlek il-hin teduka ruhek. Ghamlitek b'sahhtek u kuragjuza biex stajt tirkeb il-vjolenza u l-insija li d-dinja terfa' ghal nisa bhalek, li jintuzaw, jissallbu u jintessew. Irnexxielek, ma nafx b'liema magija, irnexxielek flimkien ir-raffinar aristokratiku mal-hazen tan-nies tat-triq... Habbejtha

rabtietek hlewwa - morra. Kieku xortija kienet bhal tieghek kont nobghodha. Kont bhat-tieni gilda li tiksini. Kull darba li kont titqal, kont nixtieq nitwieled mieghek, iben gdid ferhan b'imniehri munqar, ghajnejja jdemmgghu u saqajja mnejka... imma qatt ma sibt il-kuragg naghmlek omm. Ma ridtx inwarrab hakmietek fuqi ghal kollox u l-anqas ridt inwettaqha anki jekk wettaqtha billi hallast ghaliha. Kelli sehem fit-thassir tieghek, imma emmini, tant tajt b'imhabba li ma tistax ma tahfirlix.

---

*Sequence 43 - VERONICA,*

*MARCO*

[*Dar VERONICA li tidhol ma MARCO*]

VERONICA: X'inhu jigri ghid?

MARCO: Grieden, firien mejtin, kull fejn thares grieden u firien mejtin li jisplodu quddiem ghajnejk... x'se jigri minna u minn din hajjitna, x'se jigri? Qed jaghlqu l-bibien tal-belt... fis- suq hemm skiet terribli. Iltaqq' l-Kunsill... qed jaghlqu l-bibien. Jekk trid titlaq issa l-waqt – tista' tmur f'dari fi Brenta jekk trid.

VERONICA: U int x'se taghmel?

MARCO: Jien hawn irrid nibqa! Ma jistax kaptan jitlaq il-bastiment tieghu li qed jeghreq.

VERONICA: Kultant tigi tarani?

MARCO: Jekk jaghlqu l-belt , le... imma l-bibien ghadhom miftuhin. Ha, hu dawn l-elf skud.

VERONICA: Veru li thobb lil xi hadd?

MARCO: Min qallek?

VERONICA: Allura minnu?

MARCO: Tlablib tan-nies.

VERONICA: Ghandek riha gdida fuqek, Marco, li m'iniex naghraf... ghadha zghira?

MARCO: Iva.

VERONICA: U se tizzewwigha?

MARCO: Kif nista' jekk hi kortigjana bhalek?

VERONICA: Kortigjana zaghzugha.. U ghidli, tikteb poezija.

MARCO: Ghandha intelligeza virili u hlewwa liema bhalha.

VERONICA: Allura m'iniex ser narak izjed?

MARCO: L-ewel ahseb biex issalva lilek innifsek. Jekk jonqsok xi haga ibghat ghidli b'nota.

VERONICA: Mhux ser tbusni qabel titlaq?

MARCO: Hemm ir-riskju ta' l-infezzjoni. Kull kuntatt hu perikoluz, kemm ghalik kif ukoll ghalija.

VERONICA: Sahha, Sur Marco Venier. Ftakar li hafna kont mahbub.

MARCO: Ghaliex m'ghedtulix qabel dal-kliem?

VERONICA: Kont nibza' li nhawdek.

MARCO: Anke jien.

VERONICA: Xorta ghadni nhobbok.

MARCO: Anke jien.

VERONICA: U sadattant qed thobb lil xi haddiehor.

MARCO: Anke int. Naf li sikwit qed tkun ma' Maffio taghna.

VERONICA: Imma s'issa ghadni ma nhobbux.

MARCO: Imma dalwaqt issir.

VERONICA: Jekk joghgbok, busni. Ma nibzax mill-infezzjonijiet jien.

MARCO: U jekk jien nibza'?

VERONICA: Inqisek dejjem bhala bezziegh li ma jkunx haqqu mahfrieti.

MARCO: Mela, ahfirili.

*[MARCO jaghsar mieghu lil VERONICA. Dlam.]*

---

*Sequence 44 - GASPARA*

[*Dwal fuq GASPARA*]

GASPARA: Baqra, zewg baqriet, tliet baqriet, erba' baqriet, hames baqriet. M'hawnx hlief baqar f'dawn in-nahiet... Ghandha rasha iebsa dik is-Sinjura Veronica - mohhha biss biex thazzez... Il-vilel ta' fuq Brenta huma sbieh, immensament sbieh, imma xi dwejjaq, u l-Alla xi dwejjaq!

---

*Sequence 45 – GASPARA, VERONICA*

[*Tidhol VERONICA*]

VERONICA: Gie jfittixni xi hadd?

GASPARA: Hadd.

VERONICA: Certa?

GASPARA: Certa.

VERONICA: Mhux qed ifittxu divertiment aktar - la ikel, la loghob, lanqas intrigi. Ja Gaspara tieghi - x'ghandi naghmel? U l-Alla xi dwejjaq! Smajtni, Gaspara? Kont qisni ommi tgerger [*Terga' tadotta l-vuci t'ommha]*" Xi dwejjaq, binti, xi dwejjaq!" Tiftakarha lis-Sinjura Pawla, Gaspara, dejjem bis-sopprattakki mikulin?

GASPARA: Dejjem tiela' u niezla fit-toroq stretti!

VERONICA: Fejn sejra, Sinjura Pawla, b'dak il-papocc tal-harir irrakmat... lejn ir-Rialto, Santa Margarita, Santa Croce jew ghal San Marco? Is-Sinjura Pawla kienet timxi u timxi u tant kienet sabiha li kulhadd kien idur ihares lejha... Kienet isbah minni, hux veru, Gaspara?

GASPARA: M'hemmx dubju. Isbah u aktar sensibbli.... Ghax int qieghda hawn tmut b'idejk fuq zaqqek u tghidx kemm ilna ma nxommu skud!

---

[*Jidhol MAFFIO*]

VERONICA: Ara Maffio taghna!

MAFFIO: F'din id-dar imdawla tajjeb
Umilment tghix hi, imhabbti,
Li prezzjuza u imier…[?]
Mill-irqajja jidher faqqartha.
Mal-gurnata tkunli isbah
Meta tinsa d'dehebijiet.
Bhall-qamar li jiddilek
Bejn zewgtt icmieni suwed
Hekk jidhirli wiccha
Bejn l-irqajja li jghattuha
Toghgbok?

VERONICA: X'poezija sabiha, Maffio! Meta ktibtha?

MAFFIO: "Il-Vagabonda Sbejha". Ma nafx.Ilha zmien tberren f'mohhi… Mhux se taghtini nbill grizmejja?

VERONICA: Xi pjacir qed niehu li rajtek. Poggi. Kif irnexxielek tizgicca minn Venezja waqt pesta bhal din?

MAFFIO: Jien x'ghala bieb il-belt mill-pesta?!

VERONICA: U jekk taqbdek?

MAFFIO: Jekk taqbadni tkun qabditni. Issa xbajt u, biex nghidlek kollox, ghandi s-sifilide. U taf min jahti? Is-sbejha Veronica li cahhditni u kelli mmur infittex mara aktar generuza li ttik milli ghandha. U kif tatni! Ma gisimha newlitli wkoll xi haga ohra. Issa x'differenza taghmilli mmux bil-pesta jew bis-sifilde?

GASPARA: E hija, il-qahba milli jkollha ttik.

VERONICA: Mur, Gaspara, hallina ftit wehidna... [*GASPARA tohrog*]. Dejjem ticcajta int, Maffio.

MAFFIO: Toghgbok il-poezija?

VERONICA: Hafna.

MAFFIO: Lili wkoll... il-bierah irrectajtha quddiem ghoxrin tallab fi Pjazza San Marco. Riedu jerfghuni fuq l-idejn tant kemm ghogbithom. Nista' nbusek? Ejja nissiggillaw il-paci ta' bejnitetna...

VERONICA: Int jaqaw trid tmarrad lili wkoll?

MAFFIO: U l-bews x'inhu? Xejn. Trid xi haga aqwa minn bewsa biex tittiehed.

VERONICA: Anqas biss missni ftahtlek il-bieb. Naf li xbajt tinsulentani ma' l-erbat irjieh. Ktibt fuqi koll... maqdartni hafna...

MAFFIO: Ghax nixtieqek.

VERONICA: Mod sabih hafna kif turini xi thoss.

MAFFIO: Int ma tridnix ghax jien bla flus, imma jien nghidlek din biss: il-Papa ta l-kunsens tieghu. Ftit granet ohra nkun Isqof u jkolli paga ta' elf skud. Trid int li jkollok isqof b'qaddej?

VERONICA: Bil-marda Franciza wkoll?

MAFFIO: Cajta' dak kulma kienet, cajta. B'sahhti daqs barri u l-marda Franciza ma hadtiex ghax il-baqra ma riditnix, haqq ommha! Allura xandartha li marida u li qed titlef mohha. *[Jidhak]* Nixtieq nara l-ucuh li se taghmel kif il-klijenti tas-soltu jahirbuha qisha kienet imgiddma!

VERONICA: Nitolbok, hallini Maffio. Kont qed niehu tant gost li rajtek u issa, bi kliemek, kolli nehhejthuli.

MAFFIO: Qed tkeccini? Qed tkecci lill-Isqof ta' Brescia?

VERONICA: Mhux qed inkeccik. Qed nitolbok thallini.

MAFFIO: Tini bewsa.

VERONICA: Le

MAFFIO: *[Jibda jghajjat]*

Veronica, qahba mhawnx bhalha,

Ghazziena, ghajjura, imdejqa,

Ja kelba mahmuga li hi

Tiggerra minn fuq ghal isfel u lura

U taqdi lill-fqajjar u s-sid.

Lahamha ta' mara mostruza

Impahpah u mxahhan qatigh

Ghandu mil- laham ftit xieref ta' ziemel

Li hinek int tahli jekk tmur biex taqligh.

---

*Sequence 47 – VERONICA, DOMENICO*

[*Jinbiddlu d-dwal*]

VERONICA: Fl-ahhar, Domenico Venier!

DOMENICO: Sfidajt lill-gwardji biex gejtlek... il-belt assedjata. M'hemmx ikel frisk. In-nies imutu fit-triqat. Dghajsa wara dghajsa tarahom igorrulek il-mejtin...

VERONICA: Lil Marco rajtu?

DOMENICO: Jinsab tajjeb. Huh miet bil-pesta. Anke Tron.

VERONICA: Missier Achillino?

DOMENICO: Kien qalbien. Ghamel testment. Ghalaq lilu nnifsu f'kamra u miet wahdu biex majinfetta lil hadd.

VERONICA: Hallielu xi haga lil ibnu?

DOMENICO: Ma nafx... ma nahsibx...

VERONICA: M'ilux gie Maffio.

DOMENICO: Rajtu.

VERONICA: Qrajthom l-abbuzi li kitibli?

DOMENICO: Venezja kollha qrathom.

VERONICA: Lest li tippublika r-risposti tieghi?

DOMENICO: Ghalhekk gejt hawn.

VERONICA: Isa aktar qed niehu gost narak... id-dar kollox sew?

DOMENICO: Kulhadd dabbar rasu. Jien l-unika wiehed li bqajt il-belt. Imma xi hadd bhali l-pesta ma tiehdux, ma joghgbuhiex ix-xjuh u z-zopop. Gejt ingiblek xi oggetti li forsi naqsuk. Harir, tajjar, mant twil u sabih…

VERONICA: Grazzi, Domenico. U xi trid lura taghhom?

DOMENICO: Li nhaddnek fis-sodda.

VERONICA: Kif nista' nichdek? …Tlaqna

---

*Sequence 48 - GASPARA*

[*Ibatti d-dawl. Dawl fuq GASPARA*]

GASPARA: Zewg baqriet, tliet baqriet, erba' baqriet, hames baqriet, sitt baqriet… m'hawn xejn hlief baqar fil-kampanja… Jekk se nkompli nghoddhom, se niggennen hawnhekk bilqieghda… Imma ghaliex ghadha ma gietx? Gurnata biex tmur Venezja, gurnata biex tara lis-sur Marco. Gurnata ohra biex tigi lura… Suppost diga' qieghda hawn.. kemm-il marelli hu twil dal-vjagg? Ja Madonna tal-Hniena salvaha int lil Veronica… thallihiex taqa' f'idejn il-briganti, jew tghawweg sieqha, jew li rasha tigi mghaffga, jew li jaqbadha d-deni, jew il-pesta…

[*Dlam fuq GASPARA.]*

---

*Sequence 49 – MARCO,*

*VERONICA*

[*Dawl fuq MARCO u VERONICA. VERONICA tmur tiltaqa ma' MARCO*]

MARCO: Tersaqx 'l hawn! Ghandi d-deni u abtijiet minfuhin daqsiex!

VERONICA: Tghidx kemm ilni nixtieqek..Halli nhaddnek [*Tmur thaddnu. Jaharbilha*]

MARCO: Ghidtlek, ghedtlek tmissnix!

[*Jirnexxielha tmissu ghal ftit*]

VERONICA: Kemm tahraq!

MARCO: Mishuta belt..

VERONICA: Kieku tigi mieghi fil-kampanja -

MARCO: Kieku mmut bid-dwejjaq.

VERONICA: Allura hawnhekk hadt pjacir?

MARCO: Dik it-tfajla sabiha li ftit ilu kellimtek fuqha, tiftakar? Mietet f'idejja ftit granet ilu.

VERONICA: Kont thobbha hafna?

MARCO: Fittixt lilek fiha.

VERONICA: Ma nahsibx li sibtni.

MARCO: Darba, fuq ponot subghajha kienet, u int dehret f'ghajnejha... Imma jien bzajt mis-sagrilegg.

VERONICA: Ma kienx ikun ehfef kieku fittixt lili fija?

MARCO: Kieku l-affarjiet kienu daqshekk semplici, kieku ma habbejtekx, m'ghaddejtekx lir-Re ta' Franza, ma ttollerajtx il-prezenza ta' Domenico jew ta' Maffio.

VERONICA: Allura kont inhobb xadin, ragel kumplikat u misterjuz.

MARCO: Forsi anke int kont tfittex lil xi hadd iehor f'ghajnejn kull mahbub tieghek.

VERONICA: Lil min?

MARCO: Inkun pruzuntuz jekk nghidlek li lili. Nahseb li m'ghandnix naraw akatr lil xulxin. U l-htija mhijiex tieghi.

VERONICA: Tghidx hekk – kulma ghandek hu hajta deni.

MARCO: Is-sintomi huma cari.

VERONICA: Ma tridnix nibqa' hawnhekk mieghek?

MARCO: Le. Mur. Anke nifsi jbezzghani, anke nifsi.

VERONICA: Ghada nigi u nerga' narak.

MARCO: Mur lura fil-kampanja. Nitolbok... tweghdni?

VERONICA: Kif joghgbok. Xorta ghadni nhobbok.

MARCO: Minhabba f'hekk int ser tghix.

*[Dlam fuq MARCO.]*

---

*Sequence 50 – GASPARA, VERONICA*

*[Dwal fuq id-dar tal-kampanja. Tidhol GASPARA]*

GASPARA: Sa fl-ahhar, wasalt! Kont qed nhewden dwarek.

VERONICA: Miet.. Marco miet.

GASPARA: Baqra, tnejn, tlieta, erba' hames baqriet... Ghodd mieghi... Hemm xi haga sabiha fil-kampanja... halli kollox isirlek numru u qoffa ruh.

VERONICA: Tini naqra ilma, Gaspara, ghax ghajjiena.

GASPARA: X'int bajda... kif bjadt f'daqqa... ma mortx il-belt u gbart il-pesta, hux?

VERONICA: M'ghandi xejn ... semplicament ghajjiena wara l-vjagg... Tini belgha ilma.

GAPARA: Baqra, tnejn, tlieta, erba' hames baqriet... ghinna, ja Omm Vergni taghna, ghinna...

*[Dlam fuq GASPARA]*

---

*Sequence 51 – ANZOLA, VERONICA*

*[Dwal fuq l-isptar]*
ANZOLA:*[tkanta]* Ghamluli zraben sbejha
Li jien qatt ma hallast.
Qaluli meta tlaqthom:
"Se thallas sbejha taghna?"
Din il-gimgha ma nhallasx.
Jghiduli kif nitlaqhom:
"Se thallas sbejha taghna?"

VERONICA: Marija tal-Hniena, ghandi rasi qed iddur bija.

ANZOLA: Issa li tinsab ahjar tista' terga' timrad.

VERONICA: Ghaliex ghadda dan iz-zmien kollu u bqajt mieghi? Dejjem kont nahseb li mohhok mhux f'postu.

ANZOLA: Jien makakka aktar minnek.

VERONICA: Veru?

ANZOLA: Iva.

VERONICA: *[tersaq lejn it-tieqa]*. Ghandi bzonn ftit arja friska [*Wehidha fit-tieqa*] Mhux qed tara li l-arja nbiddlet? L-ilma qed jitliegheb, ir-rih itieghem il-melh.. Il-pont tar-Rialto, hemmhekk, qatt ma deherli daqshekk sabih... djar, ilma kollox nadif u sabih... Tiftakar meta gejt hawn? Kelli d-deni, kont bajda karti u mfarrka... Kif irnexxieli nsalva, Anzola, kif irnexxieli ? Veru li Alla jigbor lill-ahjar u jhalli lill-injurnati u lill-perversi? Marco nbelgha, Domenico dam ikaxkar ftit u Maffio, ja munita falza li hu, Maffio ghadu jferfer, imkefen f'Ciprio, isqof kif xtaq, bla sold u marid... Gaspara, miskina, mietet ukoll, Gaspara li mit-tieqa kienet tghodd il-baqar... Alla jiehu, Alla... u l-art qatt ma tixba'... dejjem trid tiekol l-art, dejjem u f'dal- lazzarett ma fadalx hlief jien u int, Anzola, b'idejna fuq zaqna u b'ghajnejna jharsu fil-bahh...

ANZOLA: Int tista' titlaq.

VERONICA: Fejn, fejn immur?

ANZOLA: Ma tafx fejn ghandek tmur? Imhawda? Ejja mieghi il-kunvent. Xi toqba fejn toqghod insibulek.

VERONICA: Il-kunvent? Jien kortigjana biss naf inkun- nittallab fadalli.

ANZOLA: Hawnhekk m'ghandniex x'noqghodu naghmlu aktar. Il-lazzarett se jaghlaq. Ma nistax immur lura wahdi l-kunvent.

VERONICA: Tigi tittallab mieghi?

ANZOLA: Inhobb inhuf 'l hawn u 'l hinn.

VERONICA: Soru u kortigjana flimkien... soru u kortigjana... x'tista' taghmel iktar mara?

ANZOLA: Hawn ha, tkappat sew.

VERONICA: Minn fejn nibdew, mir-Rialto?

ANZOLA: Tlaqna.

VERONICA: Tlaqna [*Jintfew id-dwal*]

TMIEM